# IL-ĦAJJA f'Għawdex

Awissu - Settembru 2005 **LEĦEN L-GĦAWDXIN** Nru. 871 - Is-Sittin Sena




## Għawdex Reġjun?




**Infakkru lil Mary Meilaq, 100 sena minn twelidha**



**Daħlet Qorrot, ġawhra moħbija fin-Nadur**


ICI
Dulux
WORLD of
COLOUR
Ta' Ġamri - Għajnsielem, Gozo.
Tel: 2155 1578 Mob: 9942 2341 / 9944 3550
Visit us to see our full range of colours
for interior and exterior wood, metal, walls and ceilings.
For decorative tips call our Interior Decorator on 9987 6932

IL-ĦAJJA f'Għawdex

Imwaqqfa f'Ġunju 1945
*Ħarġa nru. 871*
*Awissu/Settembru 2005*
Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex

*Direzzjoni u Amministrazzjoni:*
Lumen Christi Media Centre
Triq Fortunato Mizzi,
Victoria - Għawdex VCT 111
Tel. 21560496/7 Fax. 21561860
*e-mail:* lumenchristi@vol.net.mt
*homepage:*
www.gozodirect.com/lumenchristi

Abbonament: Lm3 Sostenitur: Lm 5

Issettjata: *Lumen Christi Media Centre*
Stampata: *"Gozo Press" Tel.21551534*

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*

Ritratti fil-Qoxra: *Copyright Joseph Zammit, Tel: 21561263; Email: jjpzammit@vol.net.mt*

## f'din il-ħarġa

Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'ġara dan l-aħħar • 6
"Status Quo" • 8
Il-Ħerqa tal-Għawdxin għar-Reġjonalità • 10
"Gozo and the Gozitans- Għawdex u l-Għawdxin- Għawdix u l-Għawċejn" • 11
Fehmet il-qarrejja • 13
L-Intervista:
MaltaTel jibdew Għawdex fi żmien qasir • 14
Il-Poetessa Għawdxija Mary Meylak
f'għeluq il-100 sena minn twelidha • 16
Versi Riflessivi • 18
Apprezzament • 19
ACM: Il-Mara ta' l-Ewkaristija • 20
Ktieb x'Taqra: "Minn qtar ħaddejk f'Għajn Salem" • 22
Għawdex 300 sena ilu : Ħlasijiet fuq lmgħax • 23
Tifsir fuq it-Tagħlim tal-Katekiżmu (38):
L-Ewkaristija (3) • 24
Il-Biedja f'Għawdex (38) • 26
Tieqa fuq l-Ambjent Għawdxi (7): • 30
Xhieda Nisranija: Mons. Alwiġ Vella (4) • 32
Mill-Knisja fid-Dinja • 33
Għawdxin li għadna niftakru (27) :
Salvina Bezzina tal-Qala • 34
Passiġġata Biblika- (9) • 36
Int u saħħtek • 38
Ħolm il-Ħajja • 40
Bejnietna n-Nisa • 41
Ġenn id-Dinja • 42




## L-ULIED MERA TAL-ĠENITURI

*Spiss nisimgħu min jgħid li l-ulied f'kull familja għandhom jiġu qabel kollox. Kemm sagrifiċċji jsiru min-naħa tal-ġenituri biex uliedhom ma jkun jonqoshom xejn u biex jingħataw l-aħjar edukazzjoni possibbli! Iżda nistaqsu kemm dan kollu qed jirrifletti fuq l-andament tas-soċjetà tallum fejn jidħlu ż-żgħażagħ? Il-ġenituri qegħdin iwettqu d-dmir li jrabbu lil uliedhom b'responsabilità?*

*Propju fl-Ittra Pastorali ta' l-Isqfijiet tagħna fl-okkażjoni tal-Festa ta' Santa Marija ta' din is-sena, ġie trattat dan is-suġġett attwalissimu. L-ulied ġew deskritti bħala "l-ikbar teżor, l-akbar ġid, l-iktar ħaġa prezzjuża li jista jkollhom il-ġenituri" u sa hawnhekk aktarx li kulħadd jaqbel fuq dan. Iżda jkomplu l-Isqfijiet, jekk dan hu veru, għaliex issib xi ġenituri li ma jagħrfux iqiegħdu f'posthom il-prijoritajiet tagħhom fir-rigward tat-trobbija ta' wliedhom u spiss iċaħħdu għall-kapriċċi tagħhom, lil uliedhom, speċjalment meta jkunu għadhom ċkejknin, mill-preżenza tagħhom? Għaliex ir-rwoli propji tal-missier u l-omm m'għadhomx daqstant ċari fit-trobbija kif titlob il-maternità u l-paternità responsabbli? Għaliex l-ulied qed iqattgħu iżjed hin man-nanniet jew ma dawk li jieħdu ħsieb it-tfal milli mal-ġenituri tagħhom?*

*Dawn il-mistoqsijiet diretti jeħtieġu tweġiba, tweġiba serja b'responsabilità lejn l-istess ulied u lejn is-soċjetà ta' għada. Huwa fatt li t-tfal tallum għad ikunu mhux biss il-missirijiet u l-ommijiet tal-familji futuri, iżda wkoll il-mexxejja u l-ideaturi tas-soċjetà ta' għada. Bla dubju ta' xejn dan il-fatt sagrosant għandu jqanqal f'dawk kollha li b'xi mod jew ieħor huma involuti u li għandhom għal qalbhom l-edukazzjoni integrali taż-żgħar, impenn iżjed qawwi f'din il-ħidma speċjali tagħhom. Iżda ma rridux ninsew li l-ewwel u qabel kull persuna oħra, kemm jekk għalliem fl-iskola, kemm jekk katekista, kemm jekk kappillan, l-ewwel edukaturi ta' l-ulied huma l-istess ġenituri. "Ħadd u xejn ma jista' jieħu post il-ġenituri f'dawn id-dmirijiet sagrosanti tagħhom. Dan għaliex meta jsiru ġenituri, l-omm u l-missier jirċievu mingħand Alla d-don ta' responsabilità ġdida u l-għajnuna biex jgħixuha" (mill-Ittra Pastorali fl-okkażjoni tal-Festa ta' Santa Marija 2005).*

*Punt ieħor li l Isqfijiet tagħna jisħqu fuqu hu dak tat-trasmissjoni tal-valuri lil ulied minn naħa tal-ġenituri, u hawn b'valuri mhux qed nifmhu biss dawk il-valuri soċjali li huma tant indispensabbli imma wkoll u fuq kollox il-valuri nsara, li jgħinu lill-individwu jikber f'ċittadin onest u sinċier. Din it-trasmissjoni tal-valuri l-ġenituri huma msejħin biex iwettquha "mhux biss bil-kliem u t-twissijiet, imma fuq kollox bl-eżempju tajjeb u bix-xhieda nisranija".*

*L-appell imqanqal ta' l-Isqfijiet jinvolvi wkoll is-soċjetà in-ġenerali "li tħares fil-bogħod" u li għandha għal qalbha l-ġid komuni u l-futur mibni fuq il-valuri sodi li għaddewlna missirijietna. Il-ġid tal-familja nisranija hu valur indispensabbli u għalhekk għandu jiġi sostnut u mħares sewwa anke mill-awtoritajiet ċivili, għax fuqu jeħtieġ li tkompli tinbena is-soċjetà tagħna jekk verament irridu li din tibqa b'saħħitha.*

**Dun Ruben Micallef**




### Seminar ta' l-Oratorju Don Bosco

Id-Direzzjoni ta' l-Oratorju Don Bosco organizzat is-Seminar Annwali tagħha fit-30 ta' Ġunju 2005 fid-dar ta' l-anzjani tal-MAS, f'Għajnsielem. Id-Direttur ta' l-Oratorju Fr Effie Masini ippreżenta r-Rapport ta' Ħidma li twettqet f'dan il-lokal. Kien mistieden l-Arċipriet tax-Xewkija Mons.Carmelo Mercieca biex jagħmel lecture dwar "l-Oratorju u l-formazzjoni taż-żgħażagħ". Mons.Isqof tkellem dwar "il-formazzjoni spiritwali" li wieħed jistenna minn ċentru li huwa mmexxi mill-Knisja. Wara l-laqgħat kien ikun hemm mumenti ta' diskussjoni, kif ukoll dawk preżenti kienu mistiedna jressqu s-suġġerimenti tagħhom.

### Tberik ta' l-ewwel ġebla tal-Każin ta' l-Għaqda Mużikali San Girgor f'Kerċem



Mons. Isqof nhar il-Erbgħa 6 ta' Lulju 2005 kien mistieden mill-Għaqda Muzikali San Girgor biex ibierek it-tqegħid ta' l-ewwel ġebla tal-Kazin fil-Pjazza Orvieto f'Kerċem. It-tqegħid ta' l-ewwel ġebla sar mill-Eċċellenza Tiegħu l-President ta' Malta Dr. Eddie Fenech Adami. Din l-attività saret f'serata mużiko-letterarja li fiha l-Banda San Girgor daqqet diversi siltiet mużikali ta' stili differenti. Il-banda kienet immexxija mis-Surmast tagħha, is-Sur Mark Gauci.

### Laqgħat lis-Saċerdoti Msiefrin

Fid-9 ta' Lulju u l-20 t'Awissu ġew organizzati żewġ laqgħat għal dawk is-saċerdoti li qegħdin jwettqu l-ħidma pastorali tagħhom fid-djoċesijiet f'pajjiżi barranin u li matul is-sajf jiġu jagħmlu xi żmien ta' mistrieħ f'art twelidhom. Matul dawn il-laqgħat is-saċerdoti jkollhom l-okkażjoni li jaqsmu xi esperjenzi pastorali mas-saċerdoti l-oħra u tkun okkażjoni li jkunu jafu wkoll iktar lil xulxin. Għal dawn il-laqgħat Mons. Isqof jagħmel ħsieb qasir imbagħad Mons Salv Grima, li huwa responsabbli mis-saċerdoti msiefrin, jagħti xi informazzjoni kif ukoll talab lis-saċerdoti biex iżommu kuntatt mas-sħabhom is-saċerdoti kif ukoll mas-seminaristi.

### Fundazzjoni Pulizija Pensjonati

Il-Fundazzjoni Pulizija Pensjonati nhar il-Ġimgħa 22 ta' Lulju 2005 fil-Knisja ta' Santu Wistin organizzat quddiesa għall-pulizija anzjani Għawdxin u Maltin u b'suffraġju għall-membri mejtin. Iċċelebra din il-quddiesa Mons.Isqof.

### Manifestazzjoni Marjana f'Marsalforn

Il-kummissjoni Djoċesana għall-Appostolat tal-Lajċi (KDAL) flimkien mal-Leġjun ta' Marija t'Għawdex u Kummissjoni Żgħażagħ, bħas-snin l-imgħoddija, organizzaw Manifestazzjoni Marjana favur "Ambjent Moralment Nadif". Din l-attività saret il-Ħamis, 28 ta' Lulju 2005. Il-manifestazzjoni bdiet fis-7.30p.m. b'korteo mill-Menqa ta' Marsalforn bl-istatwa tal-Madonna ta' Fatima. Matul il-*corteo* ingħad ir-Rużarju. Fit-8.00p.m., kif il-*corteo* wasal fuq il-promenade tal-port, saret konċelebrazzjoni mmexxija minn Mons. Isqof flimkien ma' għadd ta' saċerdoti. L-omelija ta' Mons Isqof kellha bħala tema': "ma nitbegħdux minn Kristu". Fil-bidu huwa fakkar li peress li qegħdin fis-Sena ta' l-Ewkaristija u kważi resqin lejn it-tmiem tagħha, tajjeb li nagħmlu kull ma nistgħu biex niksbu l-ikbar profitt spiritwali possibbli. Dan nagħmluh billi nħallu lill-Ewkaristija ddawwal lil ħajjitna f'dak kollu li aħna nagħmlu, mhux biss fil-knisja iżda wkoll fil-ħajja kollha tagħna. Mons. Isqof mbagħad semma dawk l-affarijiet li qegħdin jbegħdu lill-insara minn Kristu, bħalma huma l-fehmiet u tagħlim li ma jaqbilx mal-vanġelu, id-dnub, meta l-bniedem ifittex l-interessi u l-kapriċċi flok is-Saltna ta' Alla, meta jingħata l-iskandlu. Mons. Isqof osserva li hemm kuntrast tal-biża': "Waqt li Kristu, bil-grazzji attwali li jagħtina u bl-Ewkaristija, jipprova jersaq dejjem iktar qrib lejna, aħna (żgħażagħ, familji u s-soċjetà) ninġarru mill-kurrenti li jbegħduna minnu u forsi naslu wkoll biex nittraduh". Il-mezzi li jwasslu għal din il-firda huma ħafna bħad-droga, pornografija, kunfidenzi żejda, mezzi ta' komunikazzjoni soċjali eċċ. F'din is-sitwazzjoni jeħtieġ li mhux naqtgħu qalbna iżda nagħmlu minn kollox biex nirbħu l-ħażin bit-tajjeb; "L-Ewkaristija hija għalina skola mhux biss fejn nitgħalmu l-virtujiet evanġeliċi, iżda wkoll fejn nitħarrġu u nimtlew bil-kuraġġ biex inkunu xhieda ta' Kristu fid-dinja u ħaddiema bieżla fil-għalqa tiegħu."

### Egħluq sena mill-mewt ta' Dun Mikiel Attard

Is-Sibt 30 ta' Lulju 2005 ħabat egħluq is-sena mill-

mewt ta' Dun Mikiel Attard. Għal din l-okkażjoni Mons Isqof mexxa konċelebrazzjoni b'suffraġju ta' Dun Mikiel flimkien ma' għadd ta' saċerdoti fil-knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, Victoria. Għall-quddiesa kienu mistiedna wkoll il-familjari ta' Dun Mikiel Attard.

### *Wirja ta' l-Arti Sagra*



Il-Kummissjoni ta' l-Arti Sagra bil-kordinament ta' Fr Joe Calleja organizzat it-tieni wirja tagħha, għal din is-Sena ta' l-Ewkaristija, bis-suġġett "Christ ċelebrated in Arti". L-ewwel esibizzjoni kellha bħala tema "L-Ewkaristija – Ċelebrazzjoni u Arti." Il-wirja li saret fis-Sala tal-Wirjiet li tinsab Pjazza San Frangisk ġiet imbierka minn Mons. Isqof nhar it-8 t'Awissu fit-8.30 p.m. Għal din l-esibizzjoni kien hemm 23 artist minn Malta u Għawdex li esibew xi xogħolijiet minn tagħhom.

### *Quddiesa b'suffragju għal-ruħ Dun Ġużepp Galea, missjunarju fil-Brażil*

Il-komunità parrokkjali ta' Sannat nhar il-Ħadd, 14 t'Awissu 2005 ingħaqdet mar-Ragħaj Spiritwali tad-Djoċesi, Mons. Nikol Ġ. Cauchi f'konċelebrazzjoni ma' numru sabiħ ta' saċerdoti fosthom tlieta minnhom li jaħdmu fil-Brażil, li saret għal-ruħ Dun Ġużepp Galea. Il-mewt ta' Dun Ġużepp seħħet fil-31 ta' Lulju 2005. Huwa kien għadu jagħti s-servizz pastorali bħala kappillan fil-parroċċa ta' San Pedro da Alcantara, fil-Brasilia. Dun Ġużepp kien ilu l-missjoni fil-Brażil għal dawn l-aħħar ħamsin sena.

### *Pellegrinaġġ Marjan għal Malta*

It-Tlieta 23 t'Awissu 2005, il-Kummissjoni Djoċesana għall-Appostolat tal-Lajċi organizzatt Pellegrinaġġ Marjan għall-Parroċċa tal-Qalb bla Tebgħa ta' Marija, f'Burmarad, Malta. Fis-7.00 ta' filgħaxija Mons. Isqof mexxa konċelebrazzjoni fil-knisja flimkien mas-saċerdoti għawdxin li akkumpanjaw il-pellegrinaġġ u l-patrijiet Franġiskani Konventwali li jieħdu ħsieb din il-parroċċa. Mons. Isqof fl-omelija qal li d-devozzjoni lejn il-Qalb bla Tebgħa ta' Marija hija waħda bbażata fuq dak li naqraw fl-Evanġelji dwar il-Verġni Mbierka. Il-kelma ta' Alla turina kif kienet il-qalb ta' Marija; kienet qalb li żżomm f'qalbha dak kollu li kienet tgħaddi minnu, kienet qalb li tħobb il-proxxmu tagħha , kienet ukoll qalb li kienet minfuda b'sejf ta' dulur. Din il-qalb għadha tbati meta tara lilna l-bnedmin noffendu lill-Iben tagħha s-Sinjur tagħna Ġesù Kristu. Mons. Isqof fl-aħħar għamel sejħa lil dawk kollha preżenti biex kemm jista' jkun ma noffendux lill-Iben ta' Alla ħalli ma nweġġħux il-Qalb bla Tebgħa ta' Ommu Marija. Tajjeb ukoll li noffru talb u sagrifiċċji bi tpattija għad-dnubiet li jsiru mill-umanità.

### *Klabb tas-Sajf għat-tfal fl-Oratorju Don Bosco*

It-Tnejn, 29 t'Awissu 2005 Mons. Isqof fid-9.00a.m mexxa konċelebrazzjoni fil-kappella ta' l-Oratorju Don Bosco. Il-Quddiesa saret fil-konklużjoni tal-laqgħat tal-Klabb tas-Sajf ta' l-Oratorju Don Bosco ta' din is-sena, li fih ħadu sehem il-fuq minn 230 tifel u tifla. Il-Ġimgħa 26 t'Awissu saret ukoll varjetà tat-tfal, kif ukoll ittelgħet wirja bix-xogħolijiet li għamlu matul is-sajf. Mons. Isqof fil-quddiesa rringrazzja lil madwar 60 voluntiera, li fil-parti l-kbira tagħhom huma żgħażagħ, ta' l-għajnuna li taw lid-Direttur Fr Effie Masini biex setgħet tittella din l-attività.

### *Preżentazzjoni ta' Ktieb dwar San Ġorġ*




Il-Ħadd 10 ta' Lulju 2005, fit-8.30 ta' filgħaxija saret il-prezentazzjoni tal-ktieb "San Ġorġ". Il-preżentazzjoni saret f'serata ta' mużika sagra imtella mill-*Schola Cantorum* ta' Ampleforth Abbey (UK). Wara diskors mill-Arċipriet Mons. Ġużeppi Farrugia, Mons. Isqof ġie mogħti kopja tal-ktieb San Ġorġ minn Mr Michael Formosa. Kopji ta' dan il-ktieb ingħataw ukoll lil xi wħud li kienu mistiedna għas-serata. Il-ktieb fih ġabra ta' artikli, bil-Malti u bl-Ingliż, fuq il-martri San Ġorġ. Is-sotto titolu tal-ktieb jaqra "Volum Enċiklopediku fuq San Ġorġ, Martri."

# X'ġara dan l-aħħar



**Kronaka Għawdxija minn Lelio Spiteri**

## Titlesta l-pittura fin-Navi tal-Katidral



Fl-okkażjoni tal-festi li jiġu ċċelebrati fir-Rabat, Għawdex, ad unur ta' Santa Marija, fil-Katidral ġiet inawgurata u mbierka l-pittura fin-nava msejħa tal-bieb tat-tramuntana. B'hekk issa l-pittura fil-kappelli tal-korsija huma kollha kompluti. Il-pittura li ġiet fdata f'idejn il-pittur Għawdxi, il-Kavallier Pawlu Camilleri Cauchi, din id-darba tirrappreżenta t-twaqqif tad-Djoċesi Għawdxija. Is-suġġett ġie spjegat lill-pittur minn Monsinjur Joe Bezzina. Fil-koppla wieħed jara lil Q.T. il-Beatu Piju IX joffri l-parroċċi lil Marija Santissma fuq il-Matriċi u Katidral t'Għawdex, fejn il-qaddisin protetturi jidhru jżommu speċi ta' mudell tal-knejjes rispettivi tagħhom. Il-qaddisin huma mpittra f'ordni kronoloġiku, ta' skond kif inhu magħruf li nqatgħu l-parroċċi.



## Riflessi Sajfin 2005 mill-Oasi

Is-Sibt 20 t'Awissu 2005 it-tim tal-Prevenzjoni Primarja tal-Fondazzjoni OASI, flimkien ma' ĠEST, il-grupp taż-żgħażagħ '*Drug Free*', tellgħu l-14-il-edizzjoni tal-Festival Riflessi Sajfin, fil-menqa tal-bajja ta' Marsalforn. Bħas-snin l-imgħoddija, l-festival kien suċċess b'numru kbir ta' artisti jieħdu sehem u b'mijiet ta' Maltin, Għawdxin u turisti barranin jsegwuh fil-pubbliku. Il-palk kien armat bl-aktar teknoloġija moderna ta' dwal u ħoss u li din is-sena kien imżejjen bil-preżenza ta' Annalise u Alison Ellul li ppreżentaw din l-edizzjoni. Il-Fondazzjoni OASI ttella' dan il-festival ta' kull sena bi tliet għanjiet prinċipali. L-ewwel biex hija jkollha l-opportunità li twassal il-messaġġi preventivi tagħha lill-pubbliku. It-tieni biex tipprovdi opportunita' lill-artisti ġodda biex juru t-talent tagħhom b'mod professjonali. U fl-aħħarnett, biex toffri spettaklu ta' talent bla ħlas lill-pubbliku bħala ringrazzjament tal-appoġġ kontinwu li juri lill-istess Fondazzjoni.

## Il-Wirja ta' Santa Marija tagħlaq mija u ħamsin sena

Il-Wirja Tradizzjonali tal-Biedja u Snajja' li tittella' kull sena fil-jiem ta' Santa Marija f'Għawdex din is-sena għalqet mija u ħamsin sena. L-għaqda li torganizza din l-attività – is-Soċjetà Agrikola, Industrijali u

Kulturali t'Għawdex – ħasbet f'diversi inizjattivi sabiex tiġi mfakkra din l-edizzjoni. Għal ftit jiem fis-sena, il-ġonna ta' Villa Rundle jingħataw il-ħajja b'mod differenti mis-soltu għaliex fihom jiġu esibiti madwar erbat elef oġġett li jinkludu diversi bhejjem, prodotti artiġġjanali u ħxejjex u frott imkabbra jew maħduma lokalment, fil-jiem li jwasslu sal-festa ta' Santa Marija fil-15 t'Awissu. Din il-wirja bdiet f'Awissu 1855 fl-iskola primarja tal-gvern fi Triq l-Vajringa, Victoria. Mill-1855 'l hawn, din il-wirja ttellgħet kull sena ħlief għall-1940-42 minħabba t-Tieni Gwerra Dinjija u fis-sena 1975 minħabba l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer. Illum il-ġurnata stabbiliet ruħha fil-ġonna prinċipali t'Għawdex fejn ilha ssir mill-1943. Huwa stmat li kull sena jżuruha madwar 9,000 persuna bejn il-jiem ta' l-14 u l-15 t'Awissu. Għall-anniversarju tal-mija u ħamsin sena, is-Soċjetà Agrikola, Industrijali u Kulturali t'Għawdex u l-Kumitat Organizzativ Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex organizzat attività kulturali fil-ġonna ta' Villa Rundle nhar il-Ġimgħa 12 t'Awissu. L-attività nkludiet l-element folkloristiku, mużikali u letterarju bis-sehem ta' l-Għaqda Folklor Xagħri u l-*Island Brass Ensemble*. Is-Soċjetà Agrikola, Industrijali u Kulturali t'Għawdex ħasbet ukoll għat-twaqqif ta' mafkar li wkoll jikkommemora dan l-anniversarju. Inħareġ ukoll timbru speċjali mill *Maltapost*.

## *Il-"Menhir Qala Folk Group" f'Piran, Slovenia*



Bejn is-7 u l-11 ta' Lulju 2005, il-*Menhir Qala Folk Group* ipparteċipa fil-*Mediterranean International Folklore Festival* (MIFF) li sar fil-belt ta' Piran fis-Slovenia, liema żjara setgħet isseħħ frott ta' *co-operation* agreement li hemm bejn il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta u l-*Comune* ta' Piran. Matul il-festival li fih ipparteċipaw gruppi folkloristiċi mis-Slovenia, Italja, l-Portugal u Malta, ġew mogħtija esebizzjonijiet u wirjiet ta' kant u żfin tradizzjonali mill-pajjiżi mistiedna kif ukoll dawk tal-lokal. Il-qofol tal-Festival intlaħaq nhar is-Sibt 9 ta' Lulju fejn wara *defile'* mat-toroq ta' Portoroz li fiha pparteċipaw il-gruppi kollha, ttellgħet serata 'Golden Night' fejn il-gruppi mistiedna taw esebizzjoni mill-isbaħ ta' kant u zfin tradizzjonali tal-pajjiż rispettiv tagħhom. Wara kull grupp li pparteċipa ġie mogħti tifkira ta' l-okkażżjoni. Id-delegazzjoni Maltija kienet immexxija mis-Sindku tal-Qala, is-Sur Paul Buttigieg flimkien mal- Viċi Sindku tal-Belt Valletta, is-Sur Joseph Borda li propju l-Ġimgħa 8 ta' Lulju kellhom laqgħa uffiċjali mas-Sindku ta' Piran Profs. Vojka Stular li f'kelmtejn ta' l-okkazzjoni fissret l-importanza li l-Kunsilli Lokali għandhom jagħtu lill-folklor, il-kultura u t-tradizzjonijiet ta' pajjiżhom. Il-*Menhir Qala Folk Group* kien immexxi mill-koreografu s-Sur Charles Sacco filwaqt li l-mużika kienet f'idejn Mro. Michel Refalo. Propju għal din l-okkażżjoni nħarġet CD bl-isem 'Il-Menhir' li jinkludi 13 il-silta mużikali ta' kant u zfin folklor u tradizzjonali li juża' l-*Menhir Qala Folk Group* waqt l-esebizzjonijiet tiegħu.

## *Belveder Ġdid u 'playing field' għar-raħal ta' San Lawrenz*

Ħidma mill-Kunsill Lokali San Lawrenz bil-għajnuna tal-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali waslet sabiex nhar il-Ħamis 18 ta' Awissu 2005 l-Onor Prim Minisru Dr. Lawrence Gonzi inawgura uffiċċjalment dan il-proġett, l-ewwel tax-xorta tiegħu għar-raħal ta' San Lawrenz. Waqt ċerimonja li saret biex tfakkar dan l-avveniment saru diskorsi mis-Sindku Noel Formosa kif ukoll mill-Ministru Dolores Cristina u l-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono li saħqu fuq il-punt ta' l-importanza tal-Kunsilli Lokali fil-lokalitajiet tagħna, kif ukoll fuq l-importanza li jiġu maħluqin postijiet simili fil-lokalitajiet tagħna mhux biss għat-tfal imma wkoll għall-familja inġenerali. Fuq din l-istess linja kien id-diskors tal-Prim Ministru li qabel ma inawgura dan il-belveder, kompla jisħaq fuq l-importanza li pajjiżna għandu jibni fuq il-valur tal-familja, liema valur huwa wieħed mill-pilastri l-iktar importanti ta' pajjiżna. Fost punti oħra, il-Prim Ministru għamel aċċenn għall-isem mogħti lil dan il-Belveder, *Colle Umberto,* liema raħal fi Treviso l-Italja huwa ġemellat mal-Lokalità ta' San Lawrenz. Is-serata ta' l-inawgurazzjoni kienet tikkonsisti wkoll fi zfin folkloristiku minn Ta' Ċangura Folk Group kif ukoll kant minn Pamela, u nqrat poeżija ta' Dun Manwel Cutajar miċ-ċkejken Matthew Galea. Spikka wkoll waqt din is-serata r-rikonoxximent li l-Kunsill Lokali San Lawrenz jagħti lil dawk l-istudenti Lawrenzjani li temmew b'suċċess kors Universitarju.

## Ġemellaġġ ieħor - San Lawrenz ma Colle Umberto

Nhar il-Erbgħa 27 ta' Lulju 2005 is-Sindku ta' San Lawrenz flimkien mas-Sindku ta' Colle Umberto ssiġillaw il-ħbiberija bejn iż-żewġ komunitajiet, liema ħbiberija ilha tiġi msawra għal dawn l-aħħar ħames snin. Dan l-iffirmar sar bħala parti mill-festa ta' San Lawrenz li din is-sena ġiet iċċelebrata bejn il-Ħadd 22 ta' Lulju u l-Ħadd 31 ta' Lulju. Il-ġemellaġġ bejn il-lokalità ta' San Lawrenz Għawdex u dik ta' Colle Umberto huwa wieħed partikolari għaliex dawn iż-żewġ lokalitajiet iddeċidew li l-ewwel ħbiberija apparti li għandha tkun bejn l-amministrazzjonijiet, għandha aktar tiffoka fuq il-ħbiberiji bejn il-popli, u hekk ġara. Għal dawn l-aħħar ħames snin saru diversi attivitajiet li minnhom ibbenifikaw il-popli ta' dawn iż-żewġ lokalitajiet, fosthom esperjenzi ta' xogħol kemm f' San Lawrenz u anke f' Colle Umberto, kif ukoll f'esperjenzi ta' qsim ta' idejat bejn żgħażagħ u kumitati taż-żewġ lokalitajiet. Infetħu diskussjonijiet sabiex din il-ħbiberija tiġi estiża f'pajjiż ieħor din id-darba fi Franza. Tant hu hekk li ġiet mistiedna lokalità oħra dik ta' Le Balme de Sillange. B'hekk għall-futur ikun qed jinħoloq network ta' ħidma b'risq dawn it-tliet lokalitajiet.

## Il-Fortizza ta' Sant Antnin tgħaddi f'idejn il-Kunsill Lokali tal-Qala



Il-Ġimgħa 5 ta' Awissu 2005 il-Fortizza ta' Sant Antnin magħrufa aħjar bħala t-Trunċiera ġiet devoluta lill-Kunsill Lokali Qala. Din il-Fortizza li hi meqjusa bħala Wirt Nazzjonali, nbniet f'Ras il-Qala fil-bidu tas-seklu 18, sabiex isservi bħala batterija għad-difiża tal-kosta u tal-fliegu bejn Kemmuna u Għawdex. Kienet mibnija fl-1732 mill-Gran Mastru Manoel de Vilhena u hi unika fl-għamla u l-istil tagħha. Sa mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali, l-Kunsill Lokali Qala tefa' ħarstu fuq it-Trunċiera peress li l-istat tagħha kien ħażin ħafna tant li partijiet minnha bdew jiġġarfu. Wara li fl-1997 ħarġu l-permessi mill-Awtorità ta' l-Ippjanar sabiex isir ir-restawr meħtieġ, il-Kunsill iltaqa' ma' diversi intoppi dwar min verament hu s-sid ta' dan il-Forti, għaliex filwaqt li d-Dipartiment ta' l-Artijiet ma kienx qed jirriżultalu li din hi propjetà tal-Gvern, kien hemm żewġ individwi li bdew isostnu li din hi proprjetà tagħhom, tant li l-Kurja bdiet battalja legali ma' dawn l-individwi sabiex jiġi deċiż min hu verament s-sid ta' din il-Fortizza. Saru diversi talbiet lill-Gvern Ċentrali sabiex ikun hu li jirrikonnoxxi l-importanza ta' din il-Fortizza, tiġi meqjusa bħala Wirt Nazzjonali u finalment tiġi espropjata. Din it-talba ġiet milquħa u propju fil-11 ta' April 2005, il-President ta' Malta Dr. Edward Fenech Adami ffirma dikjarazzjoni fejn il-Fortizza ta' Sant Antnin ġiet espropjata, (pussess u uzu), mill-Gvern Ċentrali. Immedjatament il-Kunsill Lokali talab għad-devoluzzjoni u t-talba ntlaqgħet. Il-Kunsill Lokali għaddej b'taħditiet ma' l-Għaqda Din l-Art Ħelwa sabiex din il-Fortizza tkun restawrata.

## Twelid ta' banda oħra fil-gżira ta' Għawdex.



Fil-punent tal-gżira ta' Għawdex insibu raħal żgħir u kwiet, l-Għarb. Dan ir-raħal ta' madwar 1200 ruħ irnexxielu jwaqqaf banda mużikali, l-Għaqda Mużikali Viżitazzjoni. Sentejn ilu kien twaqqaf kumitat biex jibda t-tagħlim tal-mużika bl-iskop li titwaqqaf banda oħra f'Għawdex. Dan seħħ propju fil-bidu ta' Lulju ta' din is-sena għax għall-ewwel darba din il-banda rnexxielha ddoqq fil-festa ta' dan ir-raħal. Is-surmast is-Sur George Debono rnexxielu fi żmien qasir imexxi 'l quddiem din il-banda biex tagħti rikreazzjoni alternattiva mill-aktar pjaċevoli u kreattiva. Permezz ta' din il-banda aktar tfal, żgħażagħ u adulti qed jiltaqgħu ma' l-arti tal-mużika u jiggustawha. Fil-gżejjer tagħna l-baned jagħtu spinta lill-festi tagħna u jferrħu lill-poplu Malti u Għawdxi u lit-turisti li jżuru l-gżejjer tagħna.




# STATISTIKA U PROSPETTIVA DWAR GĦAWDEX U L-GĦAWDXIN

## 1 *Separazzjoni kuljum!*

In-numru ta' kawżi ta' separazzjonijiet li kien hemm pendenti f'Marzu 2005 quddiem il-Qorti tal-Familja huwa ta' 967. Fl-ewwel tliet xhur ta' din is-sena ġew ippreżentati 89 kawża ġdida quddiem il-qorti u ġew maqtgħuha minn fuq il-lista 130 kawża. Dan ifisser li matul l-ewwel tliet xhur ta' din is-sena, ġew ippreżentati medja ta' każ ta' separazzjoni kuljum. F'Għawdex hemm 17-il kawża ta' separazzjoni pendenti, li erbgħa minnhom ġew ippreżentati din is-sena .

("*l-Orizzont*", 9-05-05)

## 2 *Il-parroċċi jonfqu anqas u jdaħħlu anqas*

In-nefqa mill-parroċċi f'Malta u Għawdex fuq il-festi li saru matul is-sena li għaddiet laħqet is-somma ta' Lm625,983. Madankollu din kienet marġinalment anqas min-nefqa ta' Lm631,075 li kien hemm is-sena ta' qabel. L-ispejjeż jinvolvu biss dawk li jsiru mill-parroċċi u ma jinkludux l-ispejjeż sostanzjali li jkollhom il-każini tal-baned, il-logħob tan-nar u organizzazzjonijiet oħra lokali.

Matul is-sena 2004 in-nefqa mill-parroċċi f'Għawdex kienet ta' Lm149,026 jew 24 fil-mija mit-total.

L-aktar attivitajiet li kienu jiswew flus kienu l-attivitajiet ta' barra. Dawn swew lill-parroċċi Lm233,036 jew 37 fil-mija mit-total ta' l-ispiża. It-tiżjin tat-toroq tela' għal 22 fil-mija tan-nefqa filwaqt li l-ispejjeż għall orkestri u korijiet telgħu għal 11 fil-mija mit-total.

Matul l-2004 id-dħul tal-parroċċi matul il-festi kien ta' Lm584,712 jiġifieri tnaqqis ta' tlieta fil-mija fuq l-2003. 55 fil-mija tad-dħul irriżulta minn donazzjonijiet, wara kien hemm attivitajiet ta' ġbir ta' fondi li ġġeneraw 25 fil-mija tad-dħul. Ir-reġjun li rreġistra l-ogħla dħul kien Għawdex. ("*In-Nazzjon*" 16-06-05).

## 3 *Kemm hawn jaħdmu f'Għawdex*

Waqt preżentazzjoni mħejjija mill-ETC, jirriżulta li fl-aħħar ta' Diċembru 2004 kien hemm 3,000 *employer* f'Għawdex. 97 fil-mija jħaddmu anqas minn għaxar persuni u għalhekk huma kkunsidrati bħala *micro-employers* mill-Unjoni Ewropea. 46 fil-mija ta' l-*employers* joperaw fis-settur tal-produzzjoni diretta filwaqt li 54 fil-mija jagħtu servizz lis-suq tax-xogħol. Bejn l-1999 u l-2004, f'Għawdex kienu rreġistrati 128 *employers* ġodda. Il-maġġoranza ta' dawn iħaddmu anqas minn ħames ħaddiema u kienu maqsumin ugwalment bejn iż-żewġ setturi tal-produzzjoni diretta u tas-servizzi.

In-numru ta' persuni li jaħdmu f'Għawdex kien ta' 9,757 persuna li 8,100 minnhom jaħdmu *full-time* u 1,657 jaħdmu *part-time*. Kważi 60 fil-mija minn dawk li jaħdmu *part-time* huma nisa u dan kien ix-xogħol prinċipali tagħhom. ("*In-Nazzjon*", 21-07-05)

## 4 *Għaliex il-Maltin bdew imorru t-Tuneżija flok jiġu btala Għawdex!*

Iċ-ċifri juru li eluf ta' Maltin m'għadhomx daqstant entużjasti biex iqattgħu l-btajjel tagħhom f'Għawdex.

L-aħħar ċifri maħruġa mill-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika juru li fl-ewwel ħames xhur ta' din is-sena n-numru ta' Maltin li siefru bl-ajru kien ta' 70,820.

Sa issa kien hemm żieda ta' 1,452 persuna li ħallew Malta fl-ewwel ħames xhur meta mqabbla ma' l-istess perjodu tas-sena l-oħra.

Il-*Ġens Illum* stħarrġet il-prezzijiet eżistenti f'Għawdex u kemm wieħed irid jonfoq biex jieħu vaganza ta' ġimgħa hemmhekk.

L-istħarriġ juri li biex wieħed jibbukkja appartament quddiem il-baħar fl-inħawi magħrufa bħax-Xlendi jew il-Qbajjar irid iħallas medja ta' Lm100 f'ġimgħa għal kull żewġ persuni.

L-infiq ġie kkalkulat hekk: Appartament:LM100; kolazzjon Lm5.00 għal total ta' Lm35 f'ġimgħa, u ikla filgħaxija għal tnejn f'ristorant bi prezz ta' Lm15. Dan ifisser Lm105 f'ġimgħa u Lm7.75ċ karozza u passiġġier għal Għawdex bir-ritorn.

Għaldaqstant, l-ispiża għal koppja titla' b'kollox għal Lm247.75.

Għat-Tuneżija, il-prezz ta' l-ajru, bit-taxxi inklużi kif ukoll l-alloġġ fuq bażi ta' *half board* f'lukanda ta' erba' stilel għal koppja, l-ispiża titla' għal medja ta' Lm260.

Jekk wieħed jiddeċiedi li jmur *half-board* f'lukanda ta' erba' stilel f'Għawdex fl-aqwa tas-sajf, il-prezz jitla' għal aktar minn Lm300 kull koppja.

(Ray Abdilla, "*Il-Ġens Illum*" 23-07-05)

Kummentarju

# Il-Ħerqa ta' l-Għawdxin għar-Reġjonalità



minn ANTON TABONE, M.P

**Ir-Rev. Dr. Joseph Bezzina, kittieb regulari f'dan il-magażin, ma għandu bżonn ta' ebda introduzzjoni mal-qarrejja Għawdxin u Maltin. Dan l-aħħar ippubblika studju l-iktar interessanti ntitolat:** ***Gozo's Government. The autonomy of an island through history.***

F'dan il-ktieb, l-awtur iddeskriva l-forom ta' gvernijiet li kellu Għawdex matul iż-żminijiet – mill-preistorja sa dawn l-aħħar snin. Minn dan il-ktieb joħroġ ċar ħafna l-fatt li l-Għawdxin minn dejjem xtaqu xi forma u xi doża ta' awtonomija fl-amministrazzjoni tal-gżira tagħhom. Ir-raġuni hi ċara: kull meta dan seħħ Għawdex mexa 'l quddiem.

Joħroġ ċar ukoll il-fatt li għalkemm l-Għawdxin kienu jafu jingħaqdu biex jakkwistaw xi forma u xi miżura ta' awtonomija, ma kinux ikunu magħqudin biżżejjed biex iħarsuha. Meta jakkwistawha ma kinux jafu jibqgħu magħqudin biżżejjed biex dik l-awtonomija fi ħwejjiġhom iferrxuha, jsaħħuha, u jsostnuha għal tul ta' żmien. U meta jerġgħu jitilfu rajhom minn idejhom, jibdew jaraw bl-istess ħsieb ta' qabel u jingħaqdu fi glieda biex ikollhom *say* fi ħwejjiġhom.

Il-ħerqa ta' l-Għawdxin għal xi forma ta' awtonomija ġejja żgur mill-fatt li Għawdex hu maqtugħ għalih u ħafna drabi iżolat mill-kumplament tal-pajjiż. Min tassew jirrispetta lil Għawdex irid jaċċettah u jħobbu kif inhu, u min iħobb lil Għawdex irid jirrispettah b'mod sħiħ kif ħalqitu n-natura.

Nisimgħu ħafna li Għawdex għandu l-bżonnijiet partikulari u speċjali tiegħu. Hu proprju għalhekk li fl-istorja tiegħu nsibu tant forom ta' amministrazzjonijiet, kif irrakkontat tant tajjeb mill-awtur tal-ktieb.

L-esperimenti fil-għamla ta' gvernijiet lokali għal Għawdex jemfasizżaw il-fatt li l-gżira min-natura u fin-natura tagħha tikkwalifika bi dritt kollu bħala reġjun ta' Malta. Għawdex mhux estensjoni ta' Malta għax hemm baħar jifred; lanqas ma hu appendiċi; u s'intendi lanqas ma hu kolonja. Hu reġjun ta' Malta bl-implikazzjoni kollha tar-reġjonalità.

Għalhekk jistħoqqlu l-applikazzjoni ta' politika reġjonali fl-amministrazzjoni tiegħu. Meta lkoll naqblu li Għawdex għandu l-aspetti partikulari u speċjali tiegħu, fil-fehma tiegħi, ma nkunu qegħdin ngħidu xejn ħlief li Għawdex għandu aspett ta' gżira reġjun fl-arċipelagu Malti. Dan il-fatt għandu jiġi rikonoxxut bil-fatti.

Għawdex għandu l-isfidi u l-opportunitajiet tiegħu. Naħseb li wasal iż-żmien li nibdew nikkonċentraw iżjed fuq il-potenzjal li għandu u li joffri fl-iżvilupp reġjonali tiegħu, iżjed u iżjed fil-kuntest li pajjiżna illum hu membru ta' l-Unjoni Ewropea. B'hekk fil-fehma tiegħi nkunu qed nassiguraw l-iżvilupp sostenibbli tiegħu fil-qasam ekonomiku, soċjali, kulturali, u politiku għax inkunu poġġejna fuq quddiem nett l-istess identità tiegħu.

Is-sindki u l-kunsilliera ta' Għawdex kollu ħaqqhom ir-radd il-ħajr tagħna lkoll talli għarfu jingħaqdu flimkien biex jikkummissjonaw il-kitba u l-pubblikazzjoni tal-ktieb: *Gozo's Government. The autonomy of an island through history.*

Fl-aħħar nett ta' min jiftakar li, erbgħin sena ilu, Għawdex kellu l-Kunsill Ċiviku tiegħu. Il-ħolqien tal-Kunsill Lokali fis-sena 1993 huwa frott ta' l-esperiment u ta' l-esperjenza tal-*Gozo Civic Council.*

# "GOZO AND THE GOZITANS - GĦAWDEX U L-GĦAWDXIN- GĦAWDIX U L-GĦAWĊEJN"

## Żvilupp importanti fit-Tagħrif Soċjo-Kulturali ta'Għawdex u l-Għawdxin

*Minn Pamela Xerri*
**Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi tas-Serje**

**Il-Ħadd, 12 ta' Ġunju 2005, immarka l-bidu ta' żvilupp importanti fil-kultura soċjali tal-gżira-reġjun ta' Għawdex u l-poplu Għawdxi, qabża 'l quddiem fit-tixrid tat-tagħrif dwar l-identità ta' din il-komunità-gżira u ta' niesha. Għawdex ser ikollu l-identità tiegħu esposta lill-kumplament tad-dinja f'pubblikazzjoni ġdida msejħa, *Gozitan Crossings*.**




*Gozitan Crossings – the impact of migration and return migration on an island community* huwa l-ewwel dokument dwar l-identità Għawdxija u l-ewwel ktieb li qatt ħareġ li jindika d-distinzjoni ta' bejn il-Maltin u l-Għawdxin. Dan id-dokument jsellem b'mod partikolari lill-eluf ta' Għawdxin li ħallew l-ixtut t'Għawdex u Malta fl-aħħar żewġ sekli. Huwa jagħti prosit ukoll lill-Għawdxin għal dak kollu li jirnexxielhom jagħmlu f'Melbourne, madwar id-dinja u f'Għawdex wara li rritornaw. Dan huwa l-iskop ta' din is-serje, "*Gozo and the Gozitans – Għawdex u l-Għawdxin – Għawdix u l-Għawċejn*". Din id-distinzjoni u uniċità ma ġewx esposti lid-dinja biex issir rivalità imma biex jiġu magħrufa u biex tiġi ċċelebrata d-diversità li teżisti f'pajjiżna u f'ġensna madwar id-dinja.



*Il-Professur Maurice N.Cauchi jagħmel id-diskors tal-okkażjoni. Ħdejh hemm l-Editur tas-Serje u tal-Ktieb Dr. Raymond C.Xerri, il-Professur Ron Adams f'isem l-Università ta' Victoria u s-Sur Michael Buttiġieġ, l-President tal-A.Q.A*

Melbourne, fl-Awstralja, il-belt li tospità l-akbar konċentrazzjoni ta'Għawdxin fid-dinja, hija xhieda tat-twaqqif ta' serje ta' produzzjonijiet msejħa: *Gozo and the Gozitans – Għawdex u l-Għawdxin – Għawdix u l-Għawċejn*. Din is-serje ta' produzzjonijiet f'medja u f'lingwi diversi ser turi lid-dinja l-identità distinta tal-gżira Għawdxija u l-Għawdxin. Ir-riċerka u l-produzzjonijiet ser jiffokaw fuq l-aspetti uniċi u diversi tal-wirt Għawdxi u l-Għawdxin madwar id-dinja. Il-fundatur u editur tas-serje huwa Dr. Raymond C. Xerri.

### *Għalfejn serje u x'inhu l-kuntest storiku għaliha?*

L-istorja tal-gżira Għawdxija u dik tal-poplu Għawdxi nsibuha mniżżla f'diversi dokumenti. L-ewwel storiku kien Gian Pietro Francesco Aguis De Soldanis, imbagħad l-istorja tkompliet tinkiteb minn diversi storiċi Ingliżi li ġew iżuru l-gżira f'dawn l-aħħar żewġ sekli u aktar riċenti tkompliet mill-istoriku Rev. Dr. Joseph Bezzina. Matul is-sekli, l-istorja tal-gżira ġabret rakkonti storiċi. Iżda l-istoriċi lokali kollha ffokaw biss fuq l-istorja u ftit kienu dawk li tkellmu dwar l-identità Għawdxija.

Wara li Dr. Raymond C. Xerri żar 'l fuq minn sittin pajjiż u tħallat ma' diversi kulturi madwar id-dinja, hu sab li kważi r-reġjuni, il-gżejjer u l-popli kollha għandhom xi tagħrif bil-miktub dwar l-identità tagħhom – xi tfisser li tkun Amerikan,Awstraljan, Skoċċiż, Sqalli, u l-bqija. Imma milli jidher xejn ma nkiteb bis-serjetà fuq l-identità Għawdxija u lanqas dik Maltija. Il-popli tagħna – il-Maltin u l-Għawdxin – jidhru li ma jħossuhomx komdi li jitkellmu fuq l-identità tagħhom. L-Għawdxin jaslu biex jitkellmu fil-beraħ dwar il-



*Mijiet ta' Għawdxin, Maltin u Awstraljani minn kważi kull stat attendew biex jakkwistaw il-firma ta' Dr.Raymond C.Xerri fuq il-ktieb ġdid, "Gozitan Crossings"*

kompetizzjoni ta' bejn raħal u ieħor, jew dwar ir-rivalità bejn Malta u Għawdex, però ftit jitkellmu dwar Għawdex bħala reġjun. L-identità Għawdxija hija aktar sigrieta u moħbija mid-dinja minn dik ta' Malta, u hija kważi *tabù* jekk titkellem dwarha.

Diversi ħakkiema li ħakmu l-gżira suċċessivament, ippruvaw jifgaw dak kollu li jfisser li tkun Għawdxi u numru ta' gvernijiet Maltin mill-Indipendenza 'l hawn ukoll ippruvaw jgħattu kull prova li seħħet f'Għawdex mill-Għawdxin biex tiġi espressa fil-beraħ l-identità tagħhom. Fl-istorja nsibu diversi eżempji fejn kien hemm suppressjoni ppjanata li però f'diversi okkażjonijiet Għawdex u l-Għawdxin irnexxielhom jiżgiċċaw mix-xibka tagħha. "*La Nazione Gozitana*", in-nazzjon Għawdxi bejn is-snin 1798 u 1800 li tmexxa mill-Arċipriet Saverio Cassar, is-suċċess tal-Partit Għawdxi li tmexxa minn Dr. Francesco Masini u l-Kunsill Ċiviku Għawdxi mmexxi minn Dr. Anton Tabone huma tlett eżempji primi li juru d-determinazzjoni ta' l-Għawdxin.

***Kif taħdem din s-Serje – "Gozo and the Gozitans – Għawdex u l-Għawdxin – Għawdix u l-Għawċejn"?***

It-titlu tas-serje tiġbor fi ħdanha dak kollu li hu Għawdxi u li tikkonstitwixxi l-persuna Għawdxija. It-titlu, miktub bl-Ingliż, bil-Malti u bid-djalett Għawdxi, hu simboliku u mpoġġi f'dik l-ordni bi skop biex tindika li minn perspettiva globali qegħdin inħarsu lejn is-soċjetà Għawdxija. S'issa d-Djalett Għawdxi għadu qatt ma' ġie użat f'titlu ta' serje: hemm bidu għal kollox!

Meta Dr. Xerri jgħid li s-serje ser tkun f'medja diversi, tfisser li mhix se tkun biss ippubblikata, bħal fil-każ ta' *Gaulitana* mir-Rev. Dr. Joseph Bezzina, produzzjoni eċċellenti, li tikber u tifforma ftit ftit enċiklopedija fuq Għawdex, imma hija ser tinkludi bnadar, *stickers*, arti, esebizzjonijiet fotografiċi, *posters* edukattivi, litografija, skulturi, drama, lekċers, produzzjonijiet ta' CD u DVD u ħafna oħrajn. L-unika kriterja użata hija li dawn kollha jridu jkunu produzzjonijiet awtentiċi dwar l-identità Għawdxija u li tkun ta' kontribuzzjoni oriġinali għat-tagħlim. Numru minn dawn il-produzzjonijiet ser jiġu tradotti f'diversi lingwi, u bid-diversi kuntatti internazzjonali, li ser ikunu jistgħu jsiru bis-saħħa tal-*website*, tiggarantixxi li l-produzzjonijiet jilħqu lill-akbar ammont ta' pajjiżi u nies possibbli.

***X'inhuma l-iskopijiet ta' din is-serje?***

Din is-serje ser toħroġ fil-beraħ dawk is-simboli li jappartjenu lil Għawdex u lill-Għawdxin u ser teduka u tinforma lill-Għawdxin u lill-Maltin li jinsabu jgħixu fil-Gżejjer Maltin, dwar l-identità Għawdxija. Din is-serje ser tkun iddedikata għal dawk l-eluf t'Għawdxin li ħallew il-gżira Għawdxija biex jaqilgħu ħobżhom f'pajjiżi Mediterranji, fl-Ewropa, fl-Awstralja, fil-Kanada, fir-Renju Unit u fl-Istati Uniti tal-Amerika. L-istoriku Għawdxi dwar l-emigrazzjoni, il-Professur Maurice Cauchi lesta l-pedamenti tal-istorja tal-emigrazzjoni Għawdxija u Dr. Raymond Xerri ser ikompli jibni fuq xogħlu. Però huwa ser jiffoka speċifikament fuq l-emigrazzjoni u fuq l-emigranti Għawdxin li telqu u rritornaw lura lejn il-gżira Għawdxija.

Għalkemm kien Dr. Xerri li ħa din l-inizjattiva hu lest li jilqa' applikazzjonijiet mingħand individwi Għawdxin li jridu jużaw din is-serje biex jipproduċu materjal għaliha. Għawdxin li għamlu unur lill-gżira ta' Għawdex, dawk ħajjin u mejtin, kemm f'Għawdex kif ukoll barra ser ikunu minn ta' l-ewwel preżenti jew imfakkra fil-lanċjar ta' dawn il-produzzjonijiet. Jissemma ukoll il-kontribut ta' dawk l-Għawdxin li huma edukati jew intellettwali li taw kontribut lis-soċjetà Għawdxija u Maltija u li l-kontribuzzjoni tagħhom hi magħrufa sewwa.

Ser isiru l-isforzi kollha meħtieġa biex nippromwovu dak kollu li hu Għawdxi bħall-arti, kummerċ, u l-prodott Għawdxi. Għalhekk nappellaw lill-organizzazzjonijiet non-governattivi, kumpaniji privati Għawdxin li għandhom prodotti tipiċi Għawdxin (f'Għawdex, f'Malta u fost l-emigranti Għawdxin madwar id-dinja) biex jipparteċipaw. Fl-aħħarnett hi l-intenzjoni tas-serje li tinvolvi lil ħafna organizzazzjonijiet f'Għawdex, f'Malta u barra, fil-produzzjonijiet biex tippromwovi d-dimensjoni internazzjonali tal-wirt Għawdxi u biex tirrifletti l-kontribuzzjonijiet ta' ħafna Għawdxin lil dawn il-pajjiżi.

Napprezzaw l-opinjoni tiegħek!

Is-serje tilqa' s-suġġerimenti, il-kummenti u l-produzzjonijiet proposti li jista' jkun hemm. Dawn għandhom jintbagħtu lil:

**Dr. Raymond C Xerri**
**Kaxxa Postali 5, il-Belt Vittorja**
**Għawdex, Malta**
**VCT 111**
**Telefax: +00356 21 560 331**

# FEHMET IL-QARREJJA

## Tislima lil Patri Akkursju



*Rev. Editur,*

*Għandi f'idejja l-aħħar ħarġa ta' "Il-Ħajja f'Għawdex" u xtaqt ngħid li għoġbitni ħafna bħassoltu, waqt li dil-ħarġa speċjali li tfakkar is-Sittin Sena, l-ewwel ħarġa ta' "Għawdex" fakkritni f'dawk is-snin meta jiena kont nikteb fiha, fil-bidu tagħha, sikwit.*

*Patri Akkursju Xerri kien ħabib tiegħi jew aħjar, konna ħbieb. Kont sikwit immur niltaqa' miegħu fil-Kunvent "Ta' Ġieżu" il-Belt. Kien bniedem patrijott u għalhekk ukoll konna naqblu ħafna.*

*Barra li jiena kont nikteb fl-"Għawdex" b'ismi, kont nikteb ukoll bil-psewdonmu; "Herr von Baher" u wara xi żmien, xi ħadd kien kiteb li dak il-psewdonmu kien "Vella Haber". Fostna... għadna sal-lum, xi drabi xi wħud ifittxu "nom de plume" ta' min ikun.*

*Kien żmien il-gwerra u jien kont ġa għamilt xi tlett snin f'Għawdex u waqqaft u mexxejt ix-Xirka tal-Maltin fin-Nadur u kont ħabrikt kemm flaħt għall-ġid u r-riżq tal-kotra: u l-iktar għal dawk li kienu batuti jew jinħtieġu lil min jaqbeż għalihom. Kont ukoll Surmast tal-Malti fil-Liċeo u fis-Seminarju. Tnejn mill-istudenti tiegħi kienu l-Mons. Anton Gauci u l-Eċċ. Tiegħu Nikol Cauchi, Isqof t'Għawdex, li għadni ngħożż il-ħbiberija tagħhom.*

*Nixtieq illum insellem it-tifkira tant għażiża kemm sabiħa u patrijottika ta' l-ewwel editur ta' "Għawdex" Patri Akkursju Xerri li ħidmietu tibqa' tgħix u ismu jibqa juri merżuq dawl fuq Għawdex tagħna.*

***Baruni K. Vella Haber***
***(Gżira)***

## Prosit! Għomor ta' bniedem...

*Rev. Editur,*

*Prosit ta' "Il-Ħajja f'Għawdex" u l-Mulej ikompli jbierek u jsaħħaħ lil kull min jaħdem u jgħin f'dan il-magażine mħawwar b'kollox. Prosit tas-60 sena – għomor ta' bniedem! Qed nibgħat donazzjoni ta' Lm5. Tislijiet lid-Direzzjoni u awguri lir-Rivista.*

***Mary Puli***
***(Sliema)***

## Naqraha Kollha!

*Rev. Editur,*

*Jiena Marija Vella miż-Żebbuġ u ilni ħafna snin abbonata fir-rivista. Prosit tassew għal kull ħarġa, għaliex fiha nsib varjetà kbira ta' artikli interessanti dwar Għawdex u l-Għawdxin. Jiena naqraha kollha, mill-bidu sa l-aħħar.*

*Jogħġbuni l-aktar l-artikli dwar il-Biedja f'Għawdex ta' Anton F. Attard, kif ukoll dawk fuq it-Tagħlim tal-Knisja ta' l-Isqof tagħna Mons. Nikol Cauchi. Interessanti ħafna wkoll l-appuntamenti tat-tabib Mario Saliba u l-artikli ta' Pawlu Mizzi dwar Għawdxin li nibqgħu niftakru.*

*Veru rivista mqassma tajjeb. Grazzi ħafna u l-Mulej ibierek il-ħidma tagħkom biex tagħtuna rivista mill-isbaħ.*

***Maria Vella***
***(Żebbuġ, Għawdex)***

L-INTERVISTA

# *jibdew f'Għawdex fi żmien qasir*

**Dun Eddie Zammit jintervista lis-Sur Mario Gatt, *General Manager* tal-ICM (*International Call Management*) dwar it-twaqqif ta' kumpanija ġdida tat-telekomunikazzjoni.**

***Sur Gatt, dan l-aħħar f'konferenza ta' l-aħbarijiet, ħabbartu t-twaqqif ta' kumpanija ġdida tat-telekomunikazzjoni li ser topera minn Għawdex. Kif wasaltu għal dan l-investiment?***

Il-qasam tat-telekomunikazzjoni fid-dinja għamel progress kbir f'dawn l-aħħar snin, u kien kawża ta' ħolqien ta' possibbiltajiet u postijiet ġodda fid-dinja tax-xogħol. Malta u Għawdex jagħmlu ukoll parti minn din ir-rivoluzzjoni fil-qasam tat-telekomunikazzjoni. Iktar Maltin u Għawdxin illum għandhom il-possibbiltà ta' komunikazzjoni kemm interna kif ukoll esterna b'diversi mezzi ġodda fosthom it-telefonija ċellulari, l-internet, u mezzi diġitali oħra tat-telekomunikazzjoni. L-iżvilupp teknoloġiku għamilha iktar ħafifa u iżjed faċli li l-bniedem tallum iżomm kuntatt mad-dinja ta' madwaru, mhux biss dik viċin imma dik 'l bogħod. It-telekomunikazzjoni llum tagħmel parti integrali mill-ħajja ta' kuljum tagħna u toffri diversi possibbiltajiet barra mis-sempliċi kuntatt bejn il-ħbieb jew il-familjari. Illum permezz tal-komunikazzjoni elettronika u diġitali inħolqot il-posta elettronika fil-kas tal-*e-mail*, u nħolqu ukoll possibbiltajiet ta' ħażna elettronika ta' materjal xjentifiku u kulturali li jista' jiġi utilizzat minn mument għall-ieħor. Biżżejjed insemmu li ċerti universitajiet jorganizzaw lezzjonijiet permezz ta' *lectures* trasmessi lil studenti li ma jkunux preżenti fiżikament fl-awla u jkunu jistgħu isegwu l-lezzjoni bil-faċilita' kollha u joqgħodu għall-eżamijiet. Din il-ħaġa ssir ukoll f'Għawdex. Għalhekk qed ngħid li Malta u Għawdex illum jagħmlu parti minn din ix-xibka ta' telekomunikazzjoni mondjali.

***Meta bdejtu toperaw f'Għawdex?***

F'Għawdex bdejna noperaw sentejn ilu bit-twaqqif tal-kumpanija ICM. Din hija kumpanija Amerikana li twaqqfet daqs tnax il-sena ilu bl-iskop li toffri telefonija irħisa bis-sistema VOIP (*Voice over internet protocol*) lil gruppi etniċi li kienu emigrati fl-Amerika. Peress li bħal kull emigrant ieħor dawn kellhom bżonn iżommu kuntatti spissi mal-familji tagħhom l-ICM rat li jeżisti suq għal dan it-tip ta' telefonija u investiet f'din it-teknoloġija. Illum l-ICM Inc. topera mill-bażi tagħha fl-Isvizzera u għandha *network* ma' 52 pajjiż. F'Għawdex ġejna mogħtija spazju fil-*Gozo Technopark* fil-qasam industrijali tax-Xewkija. Inizjalment bdejna noffru servizzi ta' telfonija irħisa bis-sistema tal-VOIP, servizz li diversi kumpaniji maltin kienu diġa qed joffru. Dan is-servizz kif jaf kulħadd sar wieħed popolari ħafna fostna minħabba li huma diversi dawk li jikkomunikaw ma' ħbieb u familjari li jinsabu emigrati. Bir-rati għoljin li kien hawn fis-suq, dawn is-servizzi tal-kumpanija tagħna u kumpaniji oħrajn simili għamluha iżjed faċli li wieħed jikkomunika iktar sikwit u iktar fit-tul.

***Fl-għażla li jkollkom lil Għawdex bħala bażi tal-operat tagħkom taħseb li ġġib magħha xi vantaġġi partikulari? X'limitazzjonijiet tħoss li tiltaqgħu magħhom?***

Bħala kumpanija li għadna nibdew u rridu nittestjaw is-suq tat-telekomunikazzjoni speċjalment fejn tidħol it-telefonija mingħajr fili, Għawdex huwa l-post ideali. Fil-fatt kif ser nitkellmu iktar 'l quddiem issa li ser ikollna n-*network* tagħna ser nibdew propju minn Għawdex, bl-offerta ta' dan is-servizz ġdid ta' telefonija fissa mid-djar. Barra minn hekk rajna li nistgħu noffru opportunità ġdida ta' xogħol lil diversi studenti u ħaddiema għawdxin speċjalment dawk speċjalizzati fit-telekomunikazzjoni u fl-użu tat-teknoloġija kompjuterizzata. Il-biċċa l-kbira tax-xogħol tagħna jinħadem kif qed tara permezz tal-*computer*. Hemm il-vantaġġ ukoll li f'Għawdex faċilment wieħed jista' jagħmel testijiet tal-apparat li ser jintuża b'kumdità u ħeffa. Fost il-limitazzjonijiet u l-iżvantaġġi wieħed forsi jista' jsemmi l-problemi tat-trasport speċjalment fejn jidħol trasport ta' materjal impurtat li jkollna bżonn għat-twaqqif u l-manutensjoni tan-*network,* kif ukoll in-nuqqas ta' operaturi tekniċi li jkollna bżonn fit-tħaddim tan-*network*. Minbarra l-preparazzjoni teknika l-operaturi li ser ikunu jaħdmu fil-*call centre* tagħna jeħtieġ ikunu ppreparati sewwa fil-lingwi, fosthom spanjol u portugiż li tant jintużaw fl-Amerika Latina.

***Fil-konferenza ta' l-aħbarijiet li għamiltu dan l-aħħar ħabbartu t-twaqqif tal-kumpanija Maltatel li ser tibda topera fix-xhur li ġejjin. X'servizzi se toffri din il-kumpanija?***

Bit-twaqqif tal-kumpanija *Maltatel*, il-konsumatur Malti u Għawdxi ser ikollu tassew għażla vera fl-użu ta' apparat ta' komunikazzjoni, l-aktar fejn tidħol it-telefonija fissa. Dan is-servizz u dawn il-possibbiltajiet għall-konsumaturi f'dan il-qasam, f'pajjiżi oħra ilu jiġi offrut. F'pajjiżna sa ftit xhur ilu kien għadu jeżisti l-monopolju f'dan il-qasam. Peress li aħna applikajna u ġejna mogħtija liċenzja mill-Awtorità Maltija tat-Telekomunikazzjoni rajna kif l-aħjar nistgħu niżviluppaw is-servizzi tagħna. Għalhekk iddeċidejna li ninvestu madwar Lm17 il-miljun lira fit-twaqqif ta' *network* lokali li jagħmilha possibbli għal diversi konsumaturi li jużaw is-servizzi tagħna mill-kumdità ta' darhom bi prezzijiet tassew kompetittivi. Kif diġa ħabbarna t-telefonati tagħna ser ikunu jiswew ċenteżmu l-waħda.

***Biex kunsumatur jingħata s-servizz tagħkom xi proċedura irid isegwi?***

Is-servizz tagħna ser jitħaddem b'sistema diġitali. Allura mhux ser ikun hemm bżonn ta' *wires* jew apparati kbar kif kienu jintużaw fis-sistemi ta' qabel. Ser ikun hemm diversi apparati imsejħa *bay stations* f'diversi lokalitajiet ta' Malta u Għawdex b'mod li jkollna *network* nazzjonali. Dawk mbagħad li jixtiequ jagħmlu użu mis-servizz tagħna jkunu jistgħu jagħmlu hekk billi jixtru *subscriber unit* li huwa apparat ċkejken li jippermetti kuntatt mat-*network* nazzjonali, bi prezz ta' Lm145 li huma rifondibbli jekk wieħed jieqaf juża s-servizzi tagħna, Lm5 mal-applikazzjoni, Lm10 spejjeż ta' l-istallazzjoni, u s-somma ta' Lm25 kera fis-sena. Mill-bqija kull telefonata tiġi tiswa 1c biss. Barra minn hekk ser noffru prezzijiet imraħħsa fuq l-ADSL li tant huma mfittxija minn nies tan-negozju u mill-istudenti.




***X'possibbiltajiet tara għall-kumpanija tagħkom?***

Il-prospetti jidhru sbieħ. Mill-ħafna telefonati li qed nirċievu jidher li ser ikunu diversi dawk il-konsumaturi li ser jagħmlu użu mis-servizzi li ser nibdew noffru. Dan fuq livell intern. Hemm prospetti ukoll tajbin li bħala kumpanija ninvestu f'*networks* simili f'pajjizi oħra tan-naħa ta' fuq tal-Afrika kif ukoll fil-pajjiżi tal-Lvant Mbiegħed. Is-sistema li qegħdin nistallaw mhix ser tintuża biss għat-telefonija domestika imma ser tintuża ukoll minn nies tan-negozju biex permezz tagħha jkabbru ukoll in-negozji tagħhom permezz tal-kuntatti iktar faċli ma' barra. Ser tintuża ukoll għal aktar faċilità ta' materjal ta' data elettronika u diġitali li iktar ma jmur iktar qed jinħoloq negozju għalih. Jista' jagħti l-kas li b'*network* bħal dan iktar kumpaniji barranin jitħajru biex ċertu xogħol jittrasportawh biex jinħadem minn hawn kif ġara dan l-aħħar permezz ta' bank ewlieni awstraljan. Il-possibbiltajiet huma kbar. Għalhekk importanti li jkollna l-persuni mħarrġa fix-xogħol partikulari li qed titlob it-teknoloġija l-ġdida. L-appell tiegħi għalhekk hu lill-istudenti kollha biex jitħarrġu f'dawn l-oqsma għax illum dawn huma n-niċeċ ta' opportunitajiet ġodda ta' xogħol. L-awgurju tiegħi hu li l-maġġoranza tal-impjegati tagħna jkunu Għawdxin ħalli b'hekk nagħtu kontribut lill-ekonomija għawdxija.

# Il-Poetessa Għawdxija MARY MEYLAK f'għeluq il-100 sena minn twelidha



*mill-Kav. Joe M. Attard*

Għawdex sa minn dejjem ta lil dawn il-gżejjer nies kbar f'kull fergħa ta' l-arti, għerf u ħidma ġenerali li kabbru l-isem u l-ġieħ ta' Malta fl-Ewropa, kif ukoll lil hinn mill-ibħra. Fost dawn in-nies kbar li Għawdex ta lin-nazzjon Malti għandhom pedistall għalih waħdu n-nies tal-kitba, l-aqwa fosthom il-magħruf studjuż, il-Kan. Ġan. Franġisk Aguis de Soldanis tas-Seklu 18. Fost il-kittieba moderni Għawdxin jinsabu wkoll nies kbar li matul ħajjithom dejjem komplew żejnu u għanew bil-pinna tagħhom il-letteratura ta' dawn il-gżejjer. Fost dawn il-ħabrieka nsibu lis-sinjorina Mary Meylak li dwarha qegħdin niktbu llum fl-okkażjoni tal-100 sena minn twelidha.

Din il-poetessa u rumanziera twieldet fir-Rabat Għawdex fid-9 t'Awissu 1905. Mary Meylak għaddiet l-ewwel snin tagħha l-iskola primarja tar-Rabat u wara ssoktat fl-iskola sekondarja. Meylak minn dejjem kienet minn ta' quddiem u wara li għaddiet mis-"*Senior Oxford*", laħqet għalliema fl-iskejjel primarji tal-Gvern. Xi żmien wara nsibuha tgħallem il-Malti fl-iskola sekondarja tal-bniet, dak iż-żmien magħrufa bħala s-"*Central School*". Iżda Meylak ma waqfitx hawn. L-imħabba u l-għatx għat-tagħlim li kellha sa minn tfulitha tkomplew tkattru ġewwa fiha u għalhekk baqgħet dejjem tistudja, taqra u tikteb. Ħafna mill-poeżiji tagħha dehru fuq bosta ġurnali u perjodiċi fejn kull ma jmur hi kompliet tagħmel isem. Niftakarha sew fl-età ta' 68 sena kienet għadha tħaddem il-pinna, rixa f'idejha. Ġo xahar, rumanz kienet tiktbu.

Fost dawk li jidhru li m'għandhom ebda influwenza barranija, insibu lil din il-poetessa Għawdxija, fenomenu interessanti tal-Letteratura Maltija. Hija oriġinali għax tidher li m'għandha l-ebda rabta intellettwali mal-kultura u t-tradizzjonijiet ta' l-Ewropa. Hija għalhekk xitla għawdxija, kif iħobbu jsejħulha xi studjużi, li tgħum f'baħar ta' immaġinazzjoni mitluqa bħal dgħajsa fuq il-mewġ kotran daqs il-ħaxix li jikber fuq il-blat, u li mill-ward li jagħmel, wieħed jista' jwarrab u jagħżel dak li jogħġbu, imma jwarrab kemm iwarrab, dejjem jibqa' ward biżżejjed biex jista' jgħaqqad bukkett minnu. Mary Meylak hija interessanti wkoll bħala l-mara waħdanija li kellha l-ħila torbot isimha mal-Letteratura Maltija b'xi poeżiji tassew sbieħ bħal ngħidu aħna "Il-Ġiżimin", "Gallerija tal-Ward", "Ħanqa ta' Ħmar", "Flieli tal-Bettieħ" u bosta oħrajn. Hekk ngħidu aħna, meta darba l-poetessa fetlilha tikteb fuq ix-xorti ħażina tal-ħmar, qalet li għalxejn jinħaq kemm jinħaq dan l-imsejken ħmar għax;

"Fis-sema tal-bnedmin ma tistax titla'
Mank tlaħħaq sal-kampnar.
Tkun fula f'qargħa 'k togħla sa qalb tajba
Met' hi ħanqa ta' ħmar.

Nifs mormi u għand il-Ħniena lanqas jirfes
Għabtet l-ewwel sular.
Ħadd kas la hi l-iżvinturata talba,
Il-krib, ħanqa ta' ħmar.

U billi jwaħwaħ l-ebda bronż ma jerħi
Fl-għajnejn ma jitfax bżar.
Kulħadd jittarrax u widnejh issoddhom
La hi ħanqa ta' ħmar.

Taf x'hemm biss tajjeb li fis-Sema t'Alla
Il-għonja daqs il-fqar,
Kull leħen jasal xorta, magħdura aktar
Ma tkun ħanqa ta' ħmar.

Hija interessanti ħafna meta wieħed iqis li fl-istorja ta' Malta, ma nafu bl-ebda mara li tista' tiftaħar bi produzzjoni poetika jew artistika, minnħabba l-livell baxx ta' edukazzjoni li n-nisa tagħna kienu jingħataw fl-iskejjel. Għaldaqstant, Mary Meylak hija eċċezzjoni. U veru hekk, għaliex għal varjetà ta' poeżiji fuq diversi suġġetti fantastiċi, Mejlak tieħu post minn ta' quddiem nett. It-tixbiħ tagħha huwa tassew oriġinali. Il-"Ġiżimin" huwa "Zokkriet għaslin", "xbejbiet safjin", "friefet sbejħin".

Għalkemm kienet tgħallem il-Malti lill-istudenti sekondarji tal-klassijiet il-kbar, Mary Meylak xorta waħda kienet issib ħin biex tikteb. Ma baqax x'ma kitbitx; kotba ta' poeżiji, *essays,* rumanzi, stejjer, operetti tejatrali, opri miktubin poeżiji mill-bidu sat-tmiem. Għall-immaġinazzjoni, għar-rima, għall-ħlewwa tagħha, Mary Meylak tiġi minn ta' l-ewwelnett fil-lista tal-kittieba maltin. Barra s-sunett xejksperjan ta' l-Ingliżi u s-sunett petrarkjan tat-Taljani, Mary Meylak ħolqot sunett ieħor, is-Sunett "A" rima waħda mill-bidu sat-tmiem. U daqs kemm hu diffiċli, ma ġie imitat minn ħadd. Fuq il-poeżija ta' din is-sinjorina għawdxija, Mr Arberry,professur ta' l-ilsna semitiċi fl-Università ta' Cambridge, f'antoloġija li kiteb qal li mill-poeti maltin, Mary Meylak biss tikteb stil semitiku, filwaqt li l-oħrajn kollha jiktbu prosodija taljana.

Kotba stampati u mhumiex Mary Meylak għandha mhux ħażin. Fost l-istampati, hija għandha l-kotba tal-poeżija "Pleġġ il-Hena", "Album", "Dawra Misterjuża", "Villa Meylak", "Għalina t-Tfal" u l-ktieb bl-Ingliż "*Songs you will like*". Barra minn hekk tatna wkoll "Nirraġunaw u Nitbissmu", żewġ ġabriet ta' *essays* bil-Malti. Hija ppubblikat ukoll "L-istejjer ta' dawn il-Gżejjer" f'erba' volumi u r-rumanz popolari "Nokkla Sewda".

Hija għandha wkoll lesti għall-istampar r-rumanzi "It-Tewmin tal-Birgu", "San Nikola tal-Venturi", "Il-Kunjata Skumnikata", "Stella ta' San Ġorġ", u "Il-Ġilju tal-Foresta". Barra minn kwantità ta' poeżiji hija għandha wkoll xi operetti li niftakar kellha l-ħsieb li xi darba tistampahom, uħud minn dawn kienu dehru fuq il-palk għawdxi. Kitbet ukoll għadd sabiħ ta' novelli li ma tixba qatt taqrahom, uħud minnhom b'xena umoristika għall-aħħar.

Kollox ma kollox, il-poetessa Għawdxija Mary Meylak ma tagħmilx għajb lil kittieba sħabha. Il-fantasija ta' din il-poetessa sinjorina Meylak tidher tassew qawwija f'dawk is-suġġetti li ftit joħolmu li jistgħu jiktbu fuqhom. Araw ftit xi tgħid il-poetessa tagħna dwar dik il-lasta ta' l-injam li biha s-sagristan jinqeda kultant u tant biex jitfi u jixgħel ix-xema':

"Soru twila, rqiqa u muta
Int, ja stuta
Iddur dejjem ma' l-artal.
Fil-barnuż għandek qarnuna
Min jinduna
Kemm bih titfi u tixgħel nar.

Soru stuta jien inħobbok
U li rrossok
Mal-qalb tiegħi wisq nixtieq
Xħin narak mimlija żelu
U xammart taqdi 'l-Ħallieq.

F'ħaġa biss int tinkwetani
U tifgani;
U nixtieq xebgħa nagħtik:
Meta toħroġ f'nofs ta' priedka
Tixgħel riesqa
Kulħadd moħħu ħsiebu fik".

Kellu raġun mela ż-żagħżugħ poeta John Sciberras joħroġ b'dawn il-versi li ġejjin fuq Mary Meylak:

"Bint Għawdex ħlejju, demm il-poeżija
Għannejja kbira ta' l-ilsien ħelu tagħna.
Mill-qabar qajmet lill-Granmastri kollha
Mill-kliem ta' lsienna qajmet sar-rejjiet
U tatna dehriet sbieħ ta' rħula Għawdxija
Il-villa tagħna – Post il-fantasija –"

Mary Meylak mietet fl-1 ta' Jannar 1975 u fir-Rabat insibu triq imsemmija għaliha. Bl-inizjattiva tal-KKM kienet ukoll twaħħlet lapida mal-faċċata tad-dar fejn kienet tgħix fi Pjazza San Ġorġ.

Din il-mara ħallietna, iżda għadha ħajja f'kitbietha u l-poeżiji ħelwin tagħha għadhom isaħħru lil kull min jaqrahom.

Għadha ħajja wkoll fil-lapida li twaħħlet fi Pjazza San Ġorġ Victoria bl-inizjattiva tal-Fundazzjoni Belt Victoria fi ħdan il-Parroċċa ta' San Ġorġ matul ix-xahar ta' April 2005, meta fir-Rabat Għawdex kienu wkoll saru xi attivitajiet kulturali biex ifakkru lil din l-ewwel Poetessa Maltija li fi żmienha kellha tħabbat wiċċha ma' kittieba kbar u magħrufa bħal Anton Buttiġieġ, Ninu Cremona, Dun Karm Psaila, Ġorġ Pisani, Karmenu Vassallo, Ružar Briffa u oħrajn.

Mary Meylak iżda ħarset dejjem il-quddiem u qatt lura u baqgħet tgħum fil-wiċċ bla ma tkaxkret mill-kurrent. Kitbietha ġew biex jibqgħu magħna u jġibu tbissima fuq ħaddejn dawk kollha li jkunu daqu mill-benna tal-vrus tagħha.



# ŻEWĠ POEŻIJI TA' MARY MEYLAK

## li qegħdin jiġu ppubblikati għall-ewwel darba (mill- manuskritti tagħha)

## IL-VITORJA

*Tal-Vitorja tagħlaq sninha*
*is-sultana tas-smewwiet,*
*hena, barka, sliem u mħabba*
*tfur id-dinja b'kull ħlewwiet;*
*kellna jum kbir wisq fl-Istorja*
*nhar il-festa tal-Vitorja.*

*X'data ġġib Settembru miegħek*
*ma' l-għarixa wil-ħajbur,*
*int f'dirgħajk ġibt lill-Madonna,*
*int erfajtha fost ix-xhur.*
*Bid-deheb ktibna vers fl-Istorja*
*nhar il-festa tal-Vitorja.*

*Tal-Vitorja festa kbira,*
*triq ir-rebħa wil-ħelsien,*
*jixhdu dan missirijietna*
*ma' l-Ewropa u kullimkien.*
*Qniepen Malta doqqu glorja*
*ksibna nhar jum il-Vitorja.*

*Il-ħamiema bajda u safja*
*f'id Sant'Anna u San Ġwakkin,*
*għal kulħadd kienet qawsalla,*
*x'ngħidu mbagħad aħna l-Maltin.*
*Aħna nafu l-akbar glorja*
*nhar il-festa tal-Vitorja.*

*Jekk reġina tagħti l-grazzji*
*meta tkun il-festa tagħha,*
*x'ma tagħtix mela l-Bambina,*
*din min jista' jlaħħaq magħha!*
*Hekk tgħallimna mill-Istorja,*
*nittamaw f'jum il-Vitorja.*

**VERSI RIFLESSIVI**

## LILL-MADONNA: INSEJT INSELLIMLEK!

*Għid qattx kont tobsor*
*Madonna tiegħi*
*se terġa' tħabbat*
*lil wiċċek miegħi?*
*Kont f'nofs ta' triq*
*u rġajt ilwejt,*
*għaliex inbusek*
*dal-għodu nsejt.*

*Ftakart fit-triq*
*li qabel tlaqt*
*bil-fixla l-bieb*
*ta' barra għalaqt,*
*u ma bistikx*
*kif imdorrija,*
*ħareġ minn moħħi,*
*domt ma ġejt fija!*

*Ħassejt mat-triq*
*qalbi mitbiela,*
*dudu jgerrimha*
*kien għoddu kielha.*
*Ħassejt bħal għafsa*
*u swied ġo fiha*
*bħal hemm u niket*
*qiegħed jifniha!*

*X'jiswa li l-ġonna*
*b'għana t'għasafar,*
*la darba qalbi*
*tħoss qed tingħasar!*
*Ix-xemx li s-soltu*
*dejjem tidħakli,*
*illum ħassejtha*
*qalbi taqsamli!*

*Qaltli: dal-għodu*
*m'iniex naralek*
*sliem il-Madonna*
*jisreġ madwarek!*
*Fil-waqt nintebaħ…*
*ġejt naqta' d-dejn,*
*u għalhekk flok bewsa*
*se nbusek tnejn.*

*Madonna aħfirli,*
*ħa ngħannqek, trid?*
*ħa nerġa' nbusek*
*oħra mill-ġdid.*
*Issa se mmur*
*għax sarli l-ħin,*
*u dari u ħsiebi*
*f'idejk qegħdin.*

## *APPREZZAMENT*

### *DUN JOSÈ GALEA*
### *Minn Sannat. Missjunarju fil-Brażil.*



Dun Ġużepp twieled 71 sena ilu fir-raħal ta' Sannat. Jien Patri Remiġ Galea kont ħabib kbir tiegħu u qsamt miegħu fiz-żmien li kont is-Seminarju. Ġużepp kien bniedem ta' karattru sod u ta' sinsla. Minn qabel ma beda l-istudju tiegħu fis-Seminarju kien jagħmel ħafna xogħol kbir ieħor. Aħna konna ftit iżgħar minnu u sibnih dejjem ta' għajnuna fl-istudju tagħna u fil-Vokazzjoni Tagħna. Nista' ngħid għal xi wħud minna kien bħal dawl ta' eżempju li jiġbed għal warajh ħafna żgħażagħ bħali f'dak iż-żmien tal-ħamsinijiet.

Ma damx magħna ħafna żmien għax fl-1953 telaq lejn il-Misjoni tal-Brażil. Naħseb li kien il-pijunier tal-Misjoni f'Għawdex. Dun Ġużepp beda l-istudju tat-Teoloġija fin-*North East* tal-Brazil taħt l-Eċċ tiegħu L-Isqof Helder Camarà- li kien jissejjaħ l-Isqof tal-fqar. Ħafna saċerdoti Għawdxin imxew wara l-passi tiegħu u qabdu t-triq misjunarja. Irridu ngħidu Grazzi kbira lil Mulej li tagħna missjunarju tassew li ħabb il-missjoni u ma nfired minna qatt. Dal-aħħar fil-marda qerrieda tiegħu, ma sseħħilhiex tifirdu u baqa' mal-poplu ħabib tiegħu tal-paroċċa ta' San Pietru t'Alcantara fil-belt kapitali Brasila.

Dun Ġużepp Galea iċċelebra l-ewwel quddiesa tiegħu fil-Brażil u baqa jaħdem mal-fqar tal-brażil mal-Isqof tiegħu. Is-suġġett preferit kien jgħallmu fis-Seminarju fejn kompla l-istudju tiegħu. Wara snin ta' tagħlim, l-Isqof tah *scholarship* fejn mar jigradwa fil-filosofija u fis-Soċjoloġija f'Ruma. Għamel it-Teżi tiegħu u għadda bl-unuri kollha. It-tieni suġġett preferit hi l-kitba. Il-ġurnal li tant kien iħobb u li kont narah dejjem f'idejh meta kien jiġI għal-Vaganzi kien il-*"Leħen is-Sewwa"*. Dun Ġużepp kien bniedem serju ħafna u silenzjuż. Kien jisimgħek bi tbissima fuq xufftejk. Il-ħarsa f'għajnejh kienet safja u tħallik tgħid dak li għandek tgħid

Dun Ġużepp sa mill-bidu beda jikteb f'dak iż-żmien kien hemm magażin ħlejju li jgħaqqadna miegħu. Kien jismu "L-Għajta mix-Xgħari". Dun Ġużepp jibqa' għal dejjem il-Kontributur assiduri bl-artikli varji tiegħu fil-leħen is-Sewwa. Issa ukoll li miet, għandhom jidhru l-artikli tiegħu. Naħseb li l-istess marda kiefra tagħti s-saħħa biex ikompli jwassal il-messaġġi u l-aħbar it-tajba ta' dak ix-xogħol misjunarju u l-imħabba lejn il-Brażil li adottah bħal ibnu, u Malta u Għawdex bħala ħolqa ta' mħabba, baqa' jurina sal-aħħar li f'dirgħajh irid jgħannaqna u jħobbna bħal aħwa tal-istess familja Maltija u Għawdxija.

***Dun Josè Galea jibqa f'moħħna u f'qalbna.***
***AGĦTIH O MULEJ IL-MISTRIEĦ TA' DEJJEM!***

**P.Remiġ Galea, OFM Kapp.**

## FL-ISKOLA TA' MARIJA FIS-SENA TA' L-EWKARISTIJA

# Il-Mara ta' l-Ewkaristija

Il-Knisja għandha żewġ riżorsi kbar li minnhom tieħu l-vitalità tagħha;

1. Id-Devozzjoni lejn l-Ewkaristija.
2. Id-Devozzjoni lejn il-Madonna.

### Rabta profonda bejn Marija u l-Ewkaristija.

•Marija u l-Ewkaristija ma jistgħux jinfirdu.

Il-Papa Ġwanni Pawlu II qalilna fl-Ittra "*Ecclesia de Eucharistia*; "Marija hija preżenti mal-Knisja, u bħala Omm il-Knisja, hija preżenti f'kull ċelebrazzjoni ewkaristika tagħna."

"Jekk il-Knisja u l-Ewkaristija huma magħqudin b'mod li ma jinħallux hekk ukoll jeħtieġ ngħidu dwar **MARIJA U L-EWKARISTIJA**." (n. 57).

•Għalhekk il-Papa jsejjaħ lill-Marija: "**IL-MARA TAL-EWKARISTIJA**".

"Ejjew fl-iskola ta' Marija nitgħallmu nikkontemplaw il-Wiċċ Ewkaristiku ta' Ġesù," kif qalilna il-Papa Ġwanni Pawlu II fl-Ittra "*Rosarium Virginis Mariae*".

### *Fl-Iskola ta' Marija*

Fl-iskola ta' Marija, aħna nitgħallmu kif għand Marija nitgħallmu 3 kwalitajiet, 3 dispożizzjonijiet, 3 atteġġjamenti li għandu jkollna lejn l-Ewkaristija;-

1. **L-Ubbidjenza fil-Fidi.**
2. **Sehem fil-Passjoni ta' Ġesù.**
3. **L-ispiritwalità tal-Magnificat.**

(*Ecclesia de Eucharistia*)

F'dan l-artiklu nitkellmu fuq

***Ubbidjenza fil-Fidi***

L-Ewkaristija hija Misteru tal-Fidi...

Għalhekk ma hemm ħadd

- ta' għajnuna
- u ta' gwida bħal Marija biex tgħallimna din l-ubbidjenza tal-fidi.

**Fit-Tieġ ta' Kana.** Marija qaltilhom; "Agħmlu dak li jgħidilkom HU."

Marija qed tistedinna biex nobdu bla tlaqliq;- "Toqogħdux ittellgħu u tniżżlu. Afdaw fil-Kelma tal-Iben tiegħi. Hu li kien kapaċi jibdel l-ilma f'inbid, hekk ukoll Huwa kapaċi li jagħmel mill-ħobż u mill-inbid **IL-ĠISEM U D-DEMM TIEGĦU**."

### *Il-Fidi Ewkaristika ta' Marija.*

1. Marija eżerċitat il-fidi ewkaristika tagħha qabel ma l-Ewkaristija ġiet mwaqqfa. Għax hi offriet il-ġuf verġinali tagħha għall-Inkarnazzjoni tal-Iben t'Alla.

***"Il-Fiat" ta' Marija u l-"Amen" tagħna***

Hemm xebħ kbir bejn il-"*Fiat*" ta' Marija u l-"*Amen*" li aħna nlissnu qabel nitqarbnu.

•Marija ġiet mitluba temmen li Dak li hija nisslet bil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu kien l-Iben t'Alla.

•Fil-Misteru Ewkaristiku, aħna niġu mitluba nemmnu li Dak l-istess Ġesù, Iben ta' Alla u iben Marija, huwa preżenti taħt ix-xbihat tal-ħobż u l-inbid.

### *Marija, l-ewwel Tabernaklu t'Alla*

Meta Marija żaret lill-Eliżabetta, hija ġarret ġewwa fiha lill-Iben t'Alla. Hija għalhekk kienet l-"ewwel Tabernaklu t'Alla". (Papa Ġwanni Pawlu II)

L-Arċisqof Fulton J. Sheen jgħid li dak inhar saret l-"ewwel purċissjoni b'Ġesù".

### *Xebħ bejn il-Maxtura ta' Betlehem u l-Mejda Ewkaristika.*

L-Arċisqof Angelo Amato, Segretarju tal-Kongregazzjoni tal-Fidi f'artiklu sabiħ fl-*Osservatore Romano* tad-29 ta' Ottubru 2003 jikkwota lil San Ġwann Kriżostmu li jxebbaħ il-maxtura ta' Betlehem mal-Mejda Ewkaristika;- "Kif jista' jkun il-Maġi li kienu pagani u stranġieri ġew iħaffu mill-Persja biex jaduraw Lilek Mulej, imbgħad int, li int nisrani lanqas biss issib ftit ħin biex tgawdi din id-dehra tal-għaġeb (ta' Kristu fit-Tabernaklu).

"Iva, jekk aħna nersqu bil-fidi, aħna żgur li naraw lil Kristu mimdud f'Maxtura.

Iva. Din il-Mejda Ewkaristika qed tieħu post dik il-maxtura ta' Betlehem".

*San Ġwann Kriżostmu.*

**Riflessjonijiet miġbura minn A.C.M.**

## *Marija twassal lill-Fidili lejn Ġesù fl-Ewkaristija.*

L-Arċisqof Angelo Amato fl-istess artiklu jgħid;-

•Marija hija **DIK LI TWASSAL LILL- FIDILI LEJN ĠESÙ FL-EWKARISTIJA.**

• Għalhekk id-devozzjonijiet Marjani u l-pellegrinaġġi kollha jilħqu l-qofol tagħhom billi nersqu lejn is-Sagrament tal-Qrar u tat-Tqarbin.

•"Fis-Sagrament tal-Ewkaristija il-Feddej tagħna Ġesù Kristu li ħa l-ġisem fil-ġuf ta' Marija 20 seklu ilu, jibqa' jingħata lill-bnedmin bħala Għajn ta' ħajja Divina."

Papa Ġwanni Pawlu II
*Tertio Millennio Ineunte n. 55*

*INNU MILL-ISBAĦ*
*"AVE VERUM CORPUS"*
*QIMA LILEK*
*ĠISEM VERU*
*MINN MARIJA VERĠNI.*
*O ĠESÙ ĦELU*
*O ĠESÙ TWAJJEB*
*O ĠESÙ IBEN MARIJA.*

## *SUĠĠERIMENT GĦAL OTTUBRU*

Il-Ħadd 2 ta' Ottubru tagħlaq is-Sena Ewkristika bil-ftuħ tas-Sinodu tal-Isqfijiet bis-suġġett "L-EWKARISTIJA BĦALA GĦAJN U QOFOL TAL-ĦAJJA U L-MISSJONI TAL-KNISJA".

• Biex fil-parroċċi tagħna u fid-djoċesi ningħaqdu spiritwalment mal-Papa u ma' l-Isqfijiet. Min jaf nistgħux fil-jiem ta' tħejjija nitkellmu fuq **MARIJA BĦALA L-MARA TAL-EWKARISTIJA?**

• Forsi tista' ssir xi Velja. Tal-Museum ta' Għajnsielem għandhom *feature* bil-*Power Point* fuq dan is-Suġġett, "Marija - il-Mara tal-Ewkaristija".

• Il-Ħadd, fil-Purċissjoni tar-Rużarju nistgħu ngħidu il-Misteri tad-Dawl li wieħed minnhom hu t-Twaqqif tal-Ewkaristija.

• Mit-2 sat-23 ta' Ottubru nitolbu r-Rużarju meditat quddiem l-Ewkaristija biex nissieħbu bit-talb mal-laqgħat tas-Sinodu. Fuq kollox nitolbu lil **MARIJA BIEX TAGĦTINA SPIRTU EWKARISTIKU.**

***Is-Sena Ewkaristika ser tispiċċa. Imma l-Ewkaristija tibqa magħna l-jiem kollha ta' ħajjitna.***



KTIEB X'TAQRA

# "MINN QTAR ĦADDEJK F'GĦAJN SALEM"

**Francis Sultana; Poeżiji; Għawdex 2005; A&M Printing, Qala; pp.112; Lm1.50ċ.**

Minn Għajnsielem dan l-aħħar ħareġ ktieb tal-poeżiji interessanti, xogħol Francis Sultana, għal żmien twil għalliem fl-iskejjel ta' l-istat. Wara li rtira, għadda xi żmien New York fl-Istati Uniti. Din il-firda mill-familja u minn pajjiżu, ħolqu fih baħħ li qanqlu biex jikteb u jesprimi ruħu fil-poeżija. Barra bil-Malti, Sultana kiteb ukoll xi poeżiji bl-Ingliż, li wħud minnhom dehru f'rivisti fl-Amerika. Hu qed jittama li jasal iż-żmien li jiġborhom fi ktieb.

Imma dawn il-poeżiji bil-Malti, Francis Sultana issa rnexxielu jdommhom f'pubblikazzjoni ħelwa għax hu, għalkemm m'għandux xi pretensjonijiet, dejjem emmen li talent m'għandekx tidfnu, u li musbieħ ma jinxtegħelx biex jinħeba taħt il-kejl. Huwa ġie li xandar xi poeżiji fir-rivista "Għajnsielem" u fil-"Ħajja f'Għawdex" li toħroġ kull xahar mid-Djoċesi t'Għawdex. Mhux darba u tnejn huwa bagħtli wkoll xi poeżiji biex naqrahomlu waqt il-programm "*live*" li jien nagħmel kull nhar t'Erbgħa fuq *Radio Calypso*. Nistqarr li dejjem għoġbuni dawn il-poeżiji ta' dan l-Għajnselmiż u għalhekk kont u għadni nieħu gost ngħaddihom lis-semmiegħa, għaliex dawn il-kitbiet dejjem sibthom mexxejja għall-aħħar u fihom sentimenti patrijottiċi fejn tispikka l-imħabba għal raħal twelidu, għall-familja u lejn l-ambjent naturali li bih huwa mżejjen Għawdex. Hekk, biex inkun ħadt eżempju wieħed nisimgħu lill-poeta jsellem waħda mix-xtajtiet t'Għawdex.

*"Hemm taħt Chambray minsuba.,*
*xtajta kemm xejn minsija.*
*Jafuha bħa' x-Xatt l-Aħmar*
*il-ftit li jafu biha.*

*Jien żgur li fix-Xatt l-Aħmar*
*dwejjaq, bħas-sħab idub'.*
*Ta' dawk li f'dal-post jinżlu*
*bil-ferħ jimtlew il-qlub*".

La darba l-poeta twieled, kiber u għex f'Għajnsielem, ma jistax ikun li lil raħlu ma jgħannilux mill-qalb w għalhekk, fil-poeżija tiegħu "Il-Pjazza tad-Dehra" (din tidher fuq il-qoxra tal-ktieb, stampat b'mod tassew pulit għand l-A.M Printing tal-Qala) fost l-oħrajn, jgħid:

*"Dan il-post hu leġġendarju!*
*Hawn jinfetaħ is-separju*
*fejn t'Għajnsielem tibda l-ġrajja.*
*Ma naħsibx li hi xi qlajja.*

*L-Għajnselmin jgħidu jitbissmu:*
*"Raħalna minn hawn ħa ismu".*
*It-Tork Salem sa minn kmieni*
*jimla kien, ilma għax-xwieni.*

Il-familja wkoll daħlet fil-ħsieb tal-poeta Francis Sultana. Mill-ktieb tiegħu, slitt żewġ strofi mill-poeżija tiegħu "Xewqa", fejn huwa jesprimi t-tama li jgawdi n-neputijiet:




"*Qabel nagħlaq għajnejja*
*nixtieq illi s-Sinjur*
*jaqlagħli grazzja wtieqa*
*li xewqti jaqta' jmur.*

*Nixtieq jislifli l-għomor*
*jagħtini dak l-unur,*
*l-ulied uliedi nara*
*mbagħad ħalli mmur.*

*Mbagħad ħalli nparpru*
*ħa ssalpa l-frejgatina*
*'mma nħallu dawn l-imqadef*
*għudiet ta' l-istess vina*".

Kif għidt iktar 'l fuq, dan il-kittieb kien għamel xi żmien fl-Istati Uniti ta' l-Amerika. Mifrud kif kien minn niesu, ma setax jonqos li jħarbex vrus ta' nostalġija. Minn din l-ewwel damma tiegħu, qed nieħu biss xi żewġ strofi li għażilt mill-poeżija tiegħu "Manhattan, N.Y." (minn fuq l-*Empire State Bldg.*)

*Ħallini narak hekk,*
*mill-għoli tal-bjut tiegħek,*
*f'xi jum ta' sema ċar*
*ħallini noħlom miegħek.*

*Irrid biss bik nitpaxxa.*
*Din qalbi nħalli tfur.*
*Bil-ġmiel di' dehra toffri*
*lil min hawn fuq iżur.*

*U fl-aħħar ħarsti tieqaf*
*fuq statwa hekk glorjuża,*
*li tagħmel ġieħ l-Amerika*
*u lilek: Belt Famuża!*"

"Minn Qtar Ħaddejk f'Għajn Salem" jinsab għall-bejgħ m'għand il-librara ewlenin, inkella tistgħu ċċemplu dirett lill-awtur f'dan it-telefon; 2155 3629

**Kav. Joe M. Attard**

**John Portelli Enterprises Ltd.**
**IATA ACCREDITED AGENT**
The Agent for all your Travel Needs!!

7, INDEPENDENCE SQUARE, VICTORIA VCT103, GOZO, MALTA
TEL: (356) 21561212 / 21561213 FAX: (356) 2156 0133
e-mail: tokk@johnportelli.travel.com.mt
108. ST. JOHN STREET, VALLETTA VLT10, MALTA
TEL: (356) 2124 7016 / 2123 5772 FAX: (356) 2124 7536
e-mail: sangwann@johnportelli.travel.com.mt

Għawdex 300 sena ilu

Arkivju Nazzjonali Għawdex

Paġna mill-Arkivju Nazzjonali - 137

Riċerka ta' Joseph Bezzina ©2005



# Ħlasijiet fuq Imgħax

Id-dokument numru mija u sebgħa u tletin li qegħdin nippublikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hi nota reġistrata min-Nutar Giuseppe Fenech dwar ħlasijiet ta' imgħax mill-*Universitas* lill-diversi persuni li kellhom l-ishma fil-*Massa Frumentaria*. Jinsab reġistrat fid-disa' volum ta' l-Acta ta' l-*Universitas Gaudisii*, il-gvern reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1704–1705), folju 45r (NAG, UG, Acta, 9/1704–1705, f. 45r).

Din hi t-traskrizzjoni tad-dokument:

Negli atti miei si vedono i pagamenti dei lucri fatti alli Signori partecipanti della massa frumentaria dovuta dall'Università del Gozo d'un'anno maturato l'ultimo febraro 1705, come siegue cioè:

Al Signor Giuseppe Rigord, per la fundazione Lommellina: 76.6.14

Al Signor Gio. Andrea Grech, come procuratore del Venerando Monastero di S. Ursula della Sacra Religione Gierosolomitana: 152

All'Illustrissimo Signor Commendatore Fr Don Gaspare Lafiguera, per la fundazione Macradas: 80

All'Illustrissimo Signor Fra Mattheo Lete Lusgnon, Commendatore della Sacra Religione Gierosolomitana per la fundazione Gattinara: 200

Al Signor Fr Giacchino Grech come Rettore del Venerando Colleggio della Grotta di S. Paolo della Notabile: 40.9

Al Signor Geronimo Fornier come sostituto procuratore per intermediam personam dell'Illustrissimo Signore Commendatore Fr Don Giuseppe Emmanuele Pallavicino per la Commenda di Modica: 26

Il-*Massa Frumentaria* twaqqfet mill-amministrazzjoni tal-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann. Kienet speċi ta' bank jew aħjar kumpanija bl-ishma bi skop speċifiku: is-self ta' flus b'imgħax medju għax-xiri tal-qamħ, xgħir, u maħlut. Minn dawn kien isir il-ħobż, l-ikel ewlieni tal-Maltin u l-Għawdxin. Il-*massa* kellha diversi azzjonisti jew *shareholders*, kemm lokali kif ukoll barranin.

Dan id-dokument isemmi x'uħud minnhom: il-fundazzjoni Lommellina; il-Monasteru tas-Sorijiet ta' Sant'Orsla ta' l-Ordni Ġerosolomitan tal-Belt Valletta; il-fundazzjoni Macradas; il-fundazzjoni Gattinara; il-Venerandu Kulleġġ tal-Grotta ta' San Pawl tar-Rabat ta' l-Imdina; u l-Kommenda ta' Modica.

L-*Universitas* ta' Għawdex kienet tagħmel self regulari mill-*massa* għax-xiri tal-qamħ minn Sqallija u swieq oħra. Wieħed mid-dmirijiet ewlenin tagħha kien li tipprovdi l-ħobżna ta' kuljum lill-Għawdxin bi prezz raġjonevoli. Għaldaqstant, jekk il-prezz tal-qamħ jaħsel jaqa', l-*Universitas* kienet tixtri kwantitajiet ikbar mis-soltu. Kienet tixtri wkoll jekk ikun għoli. Iżda minħabba x-xiri kontinwu setgħet iżżomm dejjem prezz stabbli.

Il-qamħ kien jinħażen fil-fosos kbar li kien hemm fiċ-Ċittadella. Tnejn minn dawn il-fosos, forma ta' qanpiena, għadhom f'kundizzjoni tajba ħafna taħt il-pjazzetta tal-Kavallier ta' San Ġwann, sewwa sew 'l fuq mill-kampnar tal-Katidral. Meta l-qmuħ kienu jinbiegħu kien isir il-ħlas tas-somma li sselfet bl-imgħax. Dan id-dokument jirreġġistra l-imgħax imħallas lil diversi azzjonisti.

Hu ta' interess li l-ħlas ta' l-imgħax mhux qiegħed isir lill-*massa* min fejn issellfu l-flus, iżda direttament lill-azzjonisti. Dan ifisser li meta l-*Universitas* kienet tagħmel is-self, kien ikun indikat preċiż l-azzjonist li mill-fond tiegħu kien qiegħed isir is-self. L-imgħax imħallas tela' b'kollox għal 575 skut, 3 irbgħajja, 14-il-ħabba, qrib 112-il Ewro.



TIFSIR FUQ IT-TAGĦLIM TAT-TWEMMIN NISRANI (38)



# IL-MISTERU TA' L-EWKARISTIJA

KITBA TA' MONS. ISQOF NIKOL Ġ. CAUCHI

*(IT-TIELET PARTI)*

## *L-EWKARISTIJA, S-SAGRIFIĊĊJU TAL-LIĠI L-ĠDIDA*

**X'inhu sagrifiċċju ? Fis-sens reliġjuż tal-kelma, "sagrifiċċju" tfisser l-offerta ta' xi ħaġa magħmula mill-bniedem lil Alla, xi ħaġa li tiġi meqruda jew mibdula, sabiex b'hekk, Alla jiġi rikonoxxut mill-bniedem bħala Ħallieq u Sid ta kollox. Hija att ta' kult jew għemil ta' adorazzjoni . F'kull sagrifiċċju jkun hemm il-vittma jew il-ħaġa li tiġi ssagrifikata u s-saċerdot, ċioè il-bniedem li joffri l-vittma lil Alla. Iżda l-att estern tas-sagrifiċċju jissoponi ċerti dispożizzjonijiet interni f'min joffri s-sagrifiċċju, għaliex inkella ma tkunx qima li togħġob lil Alla. Kif jgħallem Sant'Wistin, kull sagrifiċċju viżibbli huwa sagrament, jiġifieri sinjal sagru ta' sagrifiċċju inviżibbli. Ma nistgħux nifirdu minn xulxin l-offerta esterna, ċioè li tidher, mill-offerta interna li ma tidherx. L-għemil estern tal-offerta jew l-immolazzjoni, jiġifieri l-għemil li bih issir il- qerda tal-vittma, ma jkun fih ebda valur jekk ma jkunx espressjoni viżibbli u soċjali tas-sagrifiċċju interjuri u personali. Dan jikkonsisti filli r-ruħ toffri lilha nfisha b'offerta totali lil Alla, billi tintreha f'idejh bħala l-għan aħħari tagħha, biex tkun kollha kemm hi tiegħu. Il-veru sagrifiċċju, mela, jeħtieġ li jkollu żewġ aspetti, l-aspett intern, li huwa individwali u personali, u l-aspett estern, li huwa rit pubbliku u soċjali, għaliex magħmul f'isem il-komunità mis-saċerdot li jirrappreżentaha.**

Is-sagrifiċċju nistgħu niddefinuh bħala : "azzjoni pubblika, li fiha s-saċerdot joffri jew jagħti lil Alla offerta viżibbli, ċioè il-vittma, biex jesprimi s-setgħa suprema u paterna t'Alla fuqna u d-dipendenza totali tagħna minnu u s-sottomissjoni għar-rieda tiegħu". Fin-natura tal-bniedem hemm istint jew ġibda li twasslu sabiex jintebaħ li jeżisti Alla, u sabiex jipprova jitħabbeb miegħu u joqrob lejh permezz ta offerti ta' tpattija,ta' radd il-ħajr u ta' qima li jagħmillu. Difatti nsibu li saħansitra r-reliġjonijiet pagani għandhom is-sagrifiċċji, u lill-allat tagħhom huma joffrulhom bħala rigal xi oġġetti li jħossu li huma ta' siwi.

### *Is-sagrifiċċji tal-Liġi l-Qadima*

Fl-istorja tal-poplu lhudi dan l-istint reliġjuż ġie edukat u msoffi minn ċerti żbalji u abbużi li seta' wassal għalihom.Kellhom ħafna għamliet ta' sagrifiċċji,u ta' dan għandna xhieda fil-kotba tar-Rabta l-Qadima, Naqraw fil-Ġenesi li Abel kien joffri lill-Mulej " mill-bikri tal-merħla tiegħu u mill-grass tagħhom" ( Ġen 4,4 ). Is-Sultan Melkisedek kien joffri 'l Alla ħobż u nbid"( Ġen. 14, 17-20 ). Biex jisma' minn Alla, Abraham,kieku ma żammux l-anġlu, kien sejjer joqtol lill-ibnu Iżakk u joffrih b'sagrifiċċju (Ġen 22, 1- 18 ). Barra minn hekk, fil-Levitiku jissemmew mhux biss is-sagrifiċċji li għandhom isiru mill-poplu t'Alla iżda wkoll kif għandhom isiru.

Il-Lhud ta' qabel Kristu kienu jagħmlu fit-tempju ta' Ġerusalem sagrifiċċi ta' ħrief u annimali oħra li kienu jiġu maqtula jew maħruqa, iżda dawn kollha kienu sagrifiċċji imperfetti u ma kienux jogħoġbu lil Alla; kienu biss prototipi jew xbiehat minn qabel tas-sagrifiċċju perfett li kellu jsir fiż-żminijiet ta' wara mill-Iben t'Alla innifsu.Il-sagrifiċċi tal-Liġi l-Qadima ma' kellhomx valur fihom infushom, iżda Alla kien jaċċettahom bħala att ta' qima lejh, għaliex kien jara fihom xbieha u tħabbira tas-sagrifiċċju tal-Ħaruf Divin.

### *L-uniku sagrifiċċju tal-Liġi l-Ġdida*

Fil-Liġi l-ġdida, flok il-ħafna sagrifiċċji tal-Liġi l-Qadima, seħħ is-sagrifiċċju uniku u perfett li fuq is-salib offra Kristu s-saċerdot etern u ewlieni. Dan is-sagrifiċċju tal-Kalvarju hu l veru sagrifiċċju li bih jinħafru d-dnubiet u li bih l-bnedmin jiksbu s-salvazzjoni tagħhom. L-Iben t'Alla, biex isalva l-bnedmin u jikseb il-maħfra għal dnubiethom, sar bniedem u ġie fid-dinja, offra s-sagrifċċju għalihom, li hu s-sagrifċċju tas-salib. Barra milli offra darba lilu nnifsu fuq il-Kalvarju, ried ukoll li jitfakkar u jiġġedded ta' kuljum dan is-sagrifiċċju f'kull rokna tad-dinja sa l-aħħar taż-żminijiet, permezz ta' l-Ewkaristija. Għalhekk lejliet il-mewt tiegħu fl-aħħar ikla fiċ-ċenaklu, biddel il-ħobż u l-inbid f'Ġismu u f'Demmu li kellhom ikunu l-vittma tas-sagrifiċċju u ta lid-




dixxlipli tiegħu l-kmand u s-setgħa li jagħmlu l-istess miraklu, billi jbiddlu huma wkoll il-ħobż u l-inbid fil-Ġisem u d-Demm tal-Mulej b'tifkira tiegħu.

Fl-Aħħar Ċena, Ġesù lill-Appostli urihom b'mod ċar li dak li kien qiegħed jagħmel fiċ-ċenaklu, awl il-lejl qabel ma' miet, u li kellu jitkompla fuq il-Kalvarju, kien verament sagrifiċċju li Huwa riedhom ikomplu jagħmluh b'tifkira tiegħu, skond id-drawwiet tal-Lhud. Il-ħobż u l-inbid kienu jintużaw ta' spiss bħala elementi tas-sagrifċċju familjari li jsir fid-dar, mill-kap tal-familja.Kristu inqegħda b'din l-ikla ta l-Għid li kienu jagħmlu l-Lhud biex fiha jħabbar u jwaqqaf sagrifiċċju ġdid, li mhux iktar wieħed minn dawk tal-Patt il-Qadim, iżda s-sagrifiċċju uniku tal-Liġi l-Ġdida.

Imbagħad il-kliem li Kristu lissen fl-istituzzjoni ta' l-Ewkaristija, fejn qal li Ġismu "huwa mogħti " u Demmu " jiġi mxerred għall-fidwa tal-kotra" , huwa kliem li għandu implikazzjonijiet sagrifikali profondi u kollox jindika li kien hemm sagrifiċċju fi żminijiet appostoliċi. Il-Knisja ma kellha ebda dubju li waqt li s-sagrifiċċju tas-salib kien ċertament adegwat u suffiċjenti għall-fidwa tad-dinja, Kristu ried ukoll li dan is-sagrifiċċju jiġi perpetwat b'mod ritwali, sa l-aħħar taż-żminijiet.Dan kien wieħed mis-suġġetti prinċipali tal-Ittra lill-Lhud, li tassumi li Kristu offra darba lilu nnifsu lil Alla l-Missier fuq l-artal tas-salib, imma l-awtur ta' dik l-ittra jkompli jafferma li l-fidwa ta' Kristu kienet ġrajja li tibqa sejra għax is-saċerdozju ta' Kristu jibqa' għal dejjem. Difatti l-awtur ispirat jikteb: "Ġesù billi jibqa għal dejjem, għandu saċerdozju li ma jintemm qatt. Għalhekk ukoll Huwa jista' jsalva għal kollox 'l dawk li bih jersqu lejn Alla, ladarba Hu jibqa' għal dejjem ħaj biex jidħol għalihom. " ( Lhud 7, 24-25)

Difatti, hemm konnessjoni u kontinwità bejn dak li ġara fl-Aħħar Ċena, dak li seħħ fuq is-salib u dak li kienu jagħmlu d-dixxipli ta' Kristu wara l-qawmien tiegħu minn bejn l-imwiet, meta kienu jiltaqgħu għall-ikla flimkien.. Il-Knisja ta' wara l-Għid kienet konvinta li fl-Ikla Ewkaristika huma kienu jagħmlu dak li ried Kristu meta qalilhom " Agħmlu dan b'tifkira tiegħi " u li kienu jġeddu l-istess sagrifiċċju li offra Huwa fl-Aħħar Ċena u fuq is-salib ( ċfr I Kor, 11, 24-25 ).

## *L-Ewkaristija hija memorjal tas-sagrifiċċju ta' Kristu*

Fl-Aħħar Ċena Ġesù lill-Appostli uriehom ir-rieda tiegħu li permezz ta' l-Ewkaristija jibqgħu ifakkruh għal dejjem, iżommu ħajja "t-tifkira tiegħu". Iżda l-Ewkaristija tfakkarna mhux biss fl-Aħħar Ċena li għamel Kristu, iżda wkoll fil-misteru tal-Għid tiegħu kollu, jiġifieri l-passjoni, il-mewt u l-qawmien glorjuż tiegħu mill-imwiet, u t-tlugħ tiegħu fis-Sema. Bl-Ewkaristija niċċelebraw bil-ferħ l-imħabba li wera Kristu għalina, u nroddulu ħajr għaliha.

L-Ewkaristija hija memorjal jew tifkira tas-sagrifiċċju ta' Kristu, fuq kollox għaliex hija tagħmel preżenti u attwali s-sagrifiċċju li Kristu offra lill-Missier darba għal dejjem fuq is-salib, għall-ġid ta' l-umanità. Difatti kif naqraw fil-Kostituzzjoni "*Lumen Gentium*" (n.3) – "kull darba li s-sagrifiċċju tas-salib, li bih Kristu, l-Għid tagħna, ġie ssagrifikat, jiġi ċċelebrat fuq l-artal, isseħħ l-opra tal-fidwa tagħna." B'dan l-att ta' tifkira "*anamnesis*" l-Ewkaristija, mhux biss tfakkar dak li għamel Kristu, iżda terġa' tagħmlu preżenti mill-ġdid u għalhekk San Pawl iwissi lill-Korintin: "Il-kalċi mbierek li fuqu ngħidu l-barka m'huwiex għaqda mad-Demm ta' Kristu? U l-ħobż li naqsmu m'huwiex għaqda mal-Ġisem ta' Kristu?" (I Kor.10,16).

Din it-tifkira kellha tibqa ssir, mhux għal xi żmien determinat, iżda sal-*parousia*, ċioè sa meta Kristu jerġa' jidher fl-aħħar taż-żmenijiet "Mela kull meta tieklu dan il-ħobż u tixorbu dan il-kalċi, intom ixxandru l-mewt tal-Mulej sa ma jiġi" (I Kor.11,26). Iżda fl-Ewkaristija, barra milli nfakkru l-misteru ta' l-Għid li sehh meta Kristu offra s-sagrifiċċju tas-salib, infakkru ukoll u niċċelebraw bil-ferħ l-imħabba infinita tiegħu, li wriena meta ssagrifika ruħu għalina, u nroddulu ħajr għaliha.

TA' KENUNA
Bar & Restaurant
Specialising in fresh fish, pasta, pizza and local dishes at affordable prices
Triq it-Torri ta Kenuna
Nadur - Gozo.
Tel: 2156 3566
2155 1645
Mobile: 7955 1645




© Anton F. Attard

# IL-BIEDJA F'GĦAWDEX

*(It-Tmienja u Tletin Parti )*

**(jaqbad mal-ħarġa ta' qabel)**

## *IŻJED DWAR L-ANDAR*

### *It-TIDRIJA*

Il-bidwi kien jistenna li jserred ir-riħ ħalli ssir it-tidrija. Hawn id-derries kien ikollu bosta nies oħra li jgħinuh ħalli t-tidrija ssir malajr.

Meta r-riħ jibda jfewweġ mhux ħażin, jiġifieri tibda għaddejja s-sirda, u jista' jkun il-Ħadd, issir it-tidrija għax bħalma jingħad:

### *Riħ ta' siegħa jnaddaf qiegħa.*

Il-bdiewa kien ikollhom permess mill-Knisja biex, f'każ ta' riħ tajjeb, iderru l-Ħadd.

Dawk li jkunu se jderru joqogħdu la ġenba għar-riħ, imma kull wieħed ftit passi 'l bogħod mill-ieħor u kemmxejn 'l quddiem, u bil-midra jibdew igħollu t-tiben 'il fuq fl-ajru ftit ftit. It-tiben itir bir-rih u jaqa' fil-ġenb. Il-qamħ, billi tqil, jaqa' fuq il-qiegħa.

Meta t-tiben ikun issaffa, il-qamħ, il-karfa u s-sbul mhux imkisser sewwa jaqgħu fuq il-qiegħa. Għalhekk id-derries jerġa' jdawwar il-bhima, din id-darba msarrma bis-sarima ħalli ma toqgħodx tieqaf tiekol, sakemm is-sbul li jkun fadal jitkisser kollu. Dan ix-xogħol, jew aħjar it-tieni dries jissejjaħ it-taħsil.

Wara dan, imbagħad, jibda x-xogħol bil-luħ. Min ilewwaħ kien jimla l-luħ bil-qamħ u l-karfa b'kollox u joqgħod iġelbnu fir-riħ, jiġifieri jħallih jaqa' ftit ftit biex il-qxur u l-ħliefa li jkun hemm miegħu jtiru u hekk it-tgħam ikompli jissaffa.

### *It-Tgħarbil*

Imma t-tgħam ikun għadu ma ssaffiex sewwa. Mela jkun meħtieġ li jitgħarbel bi tliet għeriebel.

a) L-ewwel igħarbluh bil-għarbiel tal-karfa. Meta jgħarbluh, it-tgħam bil-ġebel u l-għabra b'kollox, igħaddu mit-toqob kemmxejn kbar, u jibqa' biss fil-għarbiel il-karfa li tintrema f'ġenb.

b) Imbagħad jgħarbluh bil-għarbiel tal-għabra b'toqob irqaq. It-trab irqiq u l-għabra jgħaddu mit-toqob irqaq u t-tgħam jibqa' fil-għarbiel.

c) Fl-aħħar it-tgħam igħarbluh bil-għarbiel tat-tgħam. Dan ikollu toqob kemm tgħaddi xgħira jew qamħa. Għaldaqstant il-ġebel li jkun fadal mat-tgħam, billi aktarx ikun irregolari, ma jgħaddix u hekk jingħażel minn mat-tgħam.

Jekk it-tgħam ikun baqa' fih il-għabra, jerġgħu jġelbnuh, jiġifieri jitilquh ftit ftit kemmxejn mill-għoli, ħalli l-għabra ttir mar-riħ u tmur.

It-tgħam safi jinġabar għarma (gozz) fuq il-qiegħa stess jew fuq liżar tax-xkejjer u wara jkejluh bit-tomna jew jimlewh fix-xkejjer, imsejħin tlieles, u waħda telliesa, biex jeħduh id-dar jew ir-razzett fejn jaħżnuh fil-fossa tal-qamħ li jagħmlu fid-dar jew għorfa tat tiben.



*"Bil-midra u l-luħ" - skeċċ ta' Guido Lanfranco*



"Jinġabar il-qamħ" - skeċċ ta' Guido Lanfranco

## Il-Qasbija

Meta bidwi jkollu ħafna żara' u ma jkollux bżonn kwantitajiet kbar ta' tiben, allura ż-żara' jisserraħ jew iqattgħu fuq il-minġla (minn x'uħud imsejħa ranċila) ftit 'l isfel mis-sbula. In-naħa tas-sbula tmur għal fuq il-qiegħa ħalli tindires. In-naħa l-oħra terġa' tintrabat f'qatet, imsejħin qatet jew qatt tal-qasbija, minħabba li jkunu magħmula mill-aktar parti ħoxna u qisha qasab tal-qatta taż-żara'. Il-qatt tal-qasbija, imbagħad, jinġabar f'post għalih. Il-qasbija tista' tintuża bħala għalf għall-bhejjem, inkella tingħata lill-furnar biex jaħmi biha, l-aktar jekk tibqa' ma tintużax u tkun qdiemet.

Meta ż-żara' jkun indires kollu u t-tgħam inġabar, jibqa' fuq l-andar it-tiben, il-karfa u l-qasbija. It-tiben jimlewh fil-lożor u xbieki apposta u jġorruh lejn id-dar tat-tiben li tkun kamra kbira fejn jinħażen it-tiben fir-razzett.

Il-karfa tinġabar għall-bhejjem u l-istess il-qasbija li, kif għidna, meta l-bidwi jkollu ħafna minnha, tittieħed ukoll il-forn għall-ħami.

Fl-aħħar nett il-bidwi jnaddaf il-qiegħa minn dak kollu li jkun fadal igħit għalih, u wara jiksirha, jiġifieri jagħżaqha bil-fiesa u jħalli t-tub sħiħ, ħalli meta tagħmel ix-xita tixrob ħafna ilma u tkun tista' terġa' tingħażaq u tinħadem.

Bħalma kulħadd jaf, ix-xogħol ta' l-andar, kif deskritt hawn fuq, illum spiċċa għal kollox għax dan ix-xogħol issa jsir bil-magni li jaħdmu bil-mutur.

## L-UĊUĦ TAR-RABA' BIN-NEWBA

### Żrigħ bin-newba

Il-għalla jew il-prodott li l-bidwi jiżra' fil-għalqa jew fir-raba' tiegħu jissejjaħ wiċċ. Dak ir-raba' li jiflaħ żewġ uċuħ jissejjaħ ukoll raba' ta' wiċċejn.

Issa għandna nkunu nafu li sa mill-ibgħad żminijiet, anki dawk l-aktar primittivi, il-bniedem intebaħ li meta biċċa art tiżragħha jew tħawwilha dejjem bl-istess wiċċ, jiġi żmien li ma tibqax tagħmel iżjed, jew inkella l-prodotti li tieħu jkunu hekk fqar li ma jkunux jiswew ħaqq ix-xogħol li jkun ħa l-bidwi biex ikabbarhom.

Għalhekk, il-bniedem ta' żmien il-qedem kien jitħarrek u jmur jaħdem biċċa art ġdida, u dan kien jagħmlu kull darba li jkun se jiżra' jew iħawwel l-istess wiċċ. Issa meta l-bniedem żdied, u beda joqgħod fl-irħula u fl-ibliet, sab li ma jistax jibqa' sejjer hekk, jiġifieri jmur jaħdem kull darba biċċa art verġni. Allura kellu jsib mezz kif l-istess biċċa art kellu jibqa' jaħdimha, u jistenna li minnha jieħu dak il-prodott kotran li jkun ħadem għalih.

Qabel xejn il-bniedem tgħallem jiffertilizza l-art bid-demel ta' l-annimali tiegħu. Mbagħad tgħallem ukoll jiżra' wċuħ differenti billi jqassam iż-żmien, u kull darba jiżra' wiċċ differenti, jiġifieri juża metodu ta' rotazzjoni ta' l-uċuħ. Dan it-tibdil hu magħruf mill-bdiewa tagħna bħal żrigħ bin-newba.

It-tqassim ta' tibdil ta' l-uċuħ jinfirex matul erba' snin billi ngħidu aħna l-bidwi jibda biex fl-ewwel



sena jkabbar il-kromb (pastard, kaboċċi, ġidra u brokkli); it-tieni sena fuq dik l-istess art jikkultiva wċuh tal-għeruq bħalma hija l-patata, pitravi, zfunnarija, lift u fiġel; it-tielet sena jiżra' ħxejjex ta' l-imżiewed bħalma huma l-ful, il-piżelli, il-ġulbiena, iċ-ċikkarda; u r-raba' sena jiżra' wċuh ta' għalf għall-annimali bħalma huma żara' (qamħ u xgħir), u s-silla u l-ħafur. Il-bdiewa ġie li l-ħames sena jħallu l-art "għall-battala", jiġifieri jħalluha tistrieħ u ma jiżirgħu ebda wiċċ. Imbagħad qabel ma jerġgħu jiżirgħu l-ewwel wiċċ ta' l-erba' snin li jmiss, idemmlu l-art tajjeb u jiksruha jew jaħartuha b'moħriet tan-nar ħalli l-art titqalleb tajjeb.

### *Għaliex il-bidwi jaqbillu li jiżra' bin-newba?*

Minbarra r-raġunijiet diġa' mogħtija, il-bidwi jaqbillu li jiżra' bin-newba għax b'hekk ir-raba' neqirdulu ħafna ħaxix ħażin li jikber ma' ċerti wċuh, imma ma jgħixx qalb uċuh oħra. It-tindif tar-raba' huwa ħaġa mill-aktar importanti għax taħt il-ħaxix ħażin joktru ħafna insetti li jagħmlu ħafna ħsara lill-uċuh.

Bin-newba, is-saħħa tal-prodotti tiżdied aktar. Jekk tibqa' tiżra' l-istess uċuh, l-art ma tkunx tiflaħ tlaħħaqhom kif inhu xieraq u jkunu aktar dgħajfin biex jinħakmu minn kull xorta ta' mard, l-aktar tal-fungi u ta' l-insetti. Meta l-insetti li jgħixu fuq tip ta' prodotti tibdlilhom dak il-wiċċ, jew jinqerdu, jew inkella jkollhom imorru jfittxu l-ikel li jkunu jeħtieġu x'imkien ieħor, u hekk ir-raba' jitnaddaf minnhom.

Għal min ma jkollux demel, it-tqassim ta' l-uċuh hu barka, għax ma jkollux għalfejn idemmel kull darba billi l-uċuh jerdgħu biss dik il-kwantita' ta' demel li jeħtieġu. Is-silla u l-ħxejjex tal-miżwed jieħdu l-ikel li jeħtieġu mill-arja, u l-ikel tagħhom huwa ta' l-akbar ġid għan-newba meta jinżergħu l-uċuh ta' wara.

L-uċuh li jinżergħu għall-għeruq, bħalma huma l-pitravi, il-fiġel u z-zfunnarija, iħallu ħafna weraq żejjed li l-bdiewa jinqdew bih bħala demel.

Iż-żrigħ ta' l-uċuh bin-newba nstab li jaqbel wisq għall-biedja għax minbarra li tiżdied is-saħħa ta' l-art li tkun qiegħda tinħadem, il-bidwi jnaqqas ħafna ħala ta' żmien kieku kellu joqgħod kull darba jistenna biex jiżra' f'art mistrieħa, għax l-art tistrieħ xorta waħda jekk fiha jinżergħu ħxejjex li ma jeħtiġux sustanzi kbar li jistgħu jfaqqru l-art.

### *Il-legumi u n-newba*

Meta ngħidu legumi nifhmu dawk ix-xtieli li jagħmlu l-miżwed. Fost dawn insibu l-ful, il-piżelli, il-ġulbiena u s-silla. Dari l-bdiewa kienu jgħidu li wara xi wiċċ minn dawn, ir-raba' jkollu l-aħjar newba għall-qamħ. Kienu jgħidu wkoll li l-ful, fejn ma jimradx bil-budebbus, hu wiċċ kollu għall-bidwi, għax kulma fih għall-bidwi: ful u faxxina, u l-għeruq iħallu l-art ħelwa għall-wiċċ tal-qamħ.

Issa dan kollu ġej minn dawk it-tuberkuli jew żirmiet żgħar li jkun hemm mal-għeruq tal-legumi. Dawn ikunu magħmulin minn mikrobi li jagħmlu ġid kbir għax jiġbdu l-ażotu mill-arja u jibdluh f'sustanzi ta' fejda għax-xitla. Tajjeb li jingħad hawnhekk li mingħajr dawk it-tuberkuli x-xitla tal-legumi ma tagħmilx imżiewed u ma tagħmilx żerriegħa. Għalhekk, meta jinżergħu dawn il-legumi għall-aħdar, iservu għat-tidmil tar-raba', basta l-għażiq isir meta jkunu għadhom biż-żahar, ħalli l-ażotu li jkun inġema' f'għeruqhom ma jilħaqx jikkonsma ħafna minnu biex iż-żerriegħa timla fl-imżiewed tagħha.

(Jissokta)




SMUGGLER'S CAVE
BAR ♦ RESTAURANT ♦ PIZZERIA
Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.
Tel: 21 551005 - 21 551983
Fax 21 559959
Full A La Carte Menu, Fresh Fish,
Take Away & Pizza.
HOME MADE PASTA IS OUR SPECIALITY



gozo press
Offset & Letterpress Printing
Graphic Design Studio
Mġarr Road, Għajnsielem, Gozo - Malta.
Tel: 2155 1534 - Fax: 2156 0857 - Mob: 9982 6350
E-mail: gozopress@onvol.net

A Whole New Look
Sharmain's Styling Salon
57,
St. Joseph Square
Qala, Gozo
Tel: 2156 6236

Xerri l-Bukkett



Bar
Restaurant Pizzeria
Dine while enjoying the best view in the Maltese islands
Triq iz-Zewwieqa Qala
Tel. 21553500

HILITE
HARDWARE STORE
FRANCO - BELGE
FIRE PLACES
Importers of
Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa Space Heaters
and Fire Places
113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884

Home Decorations
* Specialising in Gypsum wall partitions
* Gypsum Board Soffit and all kinds of tiles
* PVC Wall Panelling
* Interior Painting
For Free Home Estimates
Call Frank Azzopardi
on 2156 5241 or 9982 9195

BOGI AUTO LTD
■ Spare Parts
■ Batteries
■ Accessories
J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 2155 1070 Fax: 2156 3073

**GRAZZI LIL DAWK LI JIRREKLAMAW FIR-RIVISTA TAGĦNA.**

*Nirrikmandaw il-prodotti jew servizzi tagħhom lill-qarrejja tagħna, waqt li nappellaw lil aġendi oħra biex jgħinuna bir-reklamar tagħhom.*




# 7. Daħlet Qorrot - ġawhra moħbija fin-Nadur




*Essay ta' Simone Buttigieg min-Nadur (6th Form, Skola Sekondarja Sir M'Anġ Refalo)*



**In-Nadur għandu tliet daħliet, San Blas, ir-Ramla u Daħlet Qorrot li jagħnuh bil-ġmiel. Ix-xtajta ftit magħrufa ta' Daħlet Qorrot tiġi taħt il-Qortin il-Kbir, bejn Għar Dorf u l-Qala ta' San Blas. It-triq li tieħdok għal Daħlet Qorrot hija waħda rurali; inti u sejjer għal din il-bajja tilmaħ ukoll bajja oħra sabiħa, dik ta' San Blas. Ma nafux minfejn ġie l-isem ta' Daħlet Qorrot, il-kelma nnifisha tidher li ma tfisser xejn jew aktarx hi derivazzjonu mgħawġa tal-kelma "Qortin". Dan id-daqsxejn ta' port iħares lejn il-Griek it-Tramuntana, għandu fetħa ta' 1540 jarda, 570 tul u fond disat iqjiem.**

Għalkemm il-port f'Daħlet Qorrot huwa wieħed żgħir, fl-imgħoddi dan serva ta' kenn kemm għad-dgħajjes kif ukoll għall-vapur t'Għawdex, li fl-imgħoddi daħal xi drabi għall-kenn f'dan il-port meta r-riħ kien ikun lbiċ qawwi. Dan għaliex f'Daħlet Qorrot il-baħar ikun bnazzi qisu żejt, ħlief meta jkun riħ majjistral qawwi.

Qrib ix-xtajta ta' Daħlet Qorrot, żmien ilu kien hemm knisja ċkejkna li llum spiċċat fix-xejn. Fin-naħa tal-lemin tax-xtajta hemm port żgħir kenni ħafna li sa llum għadu jissejjaħ Port San Filep. Dan il-port ċkejken ħa l-isem tiegħu minn dik il-kappella msemmija għal San Filep. Fl-imgħoddi kien hemm ukoll it-tradizzjoni li n-nisa u t-tfal kienu jinżlu jgħumu f'dik il-bajja, fil-waqt li l-irġiel biss kienu jinżlu jgħumu fix-xtajta proprja ta' Daħlet Qorrot.

F'Daħlet Qorrot kien hemm ġebel kbir, waħda mrikkba fuq l-oħra, msejjaħ sallum "l-Għalqa ta' l-Imsaqqfin". Il-Kan. Aguis De Soldanis, biex juri li f'Għawdex darba kienu għammru l-ġganti, ħalla miktub li dan il-ġebel ġie mqiegħed waħda fuq l-oħra minn idejn il-ġganti pre-istoriċi. Għalkemm illum din it-teorija tal-ġganti m'għadhiex emmnuta, "l-Għalqa ta' l-Imsaqqfin" turi s-sengħa tan-Nadurin tal-qedem fis-sengħa tal-bini u t-tisqif. "L-Għalqa ta' l-Imsaqqfin" biż-żmien spiċċat fix-xejn. Tgħid kien xi tempju neolitiku? Min jaf!! Il-ġebel li kien fadal ittieħed biex intuża' għaż-żrar tal-bjut.

Kif titla' it-telgħa u taqbad il-wita, man-naħa tal-lemin tara l-"Mixta ta' Rdum iż-Żgħir" li fiha għar kbir iħares lejn nofsinhar b'latmija ġo fih; u f'dan il-għar tassew kbir, għax għandu fetħa daqs faċċata ta' knisja, tinsab mina twila llum mgħottija, li jgħidu li twassal sal-baħar. Milli wieħed jista' jifhem, dan il-għar kien iservi bħala moħba meta kienu jinżlu t-Torok



biex jagħmlu xi priża f'Għawdex.

X'ħin tibda dieħel 'il ġewwa min-naħa tal-punent u tħalli għajnejk jaqgħu fuq it-Torri ta' Sopu. Dan beda jinbena fis-sena 1667. Minħabba l-pożizzjoni ġeografika tiegħu l-kavallieri sejħulu t-Torri ta' Daħlet Qorrot. Il-pożizzjoni tat-Torri tiddomina ħafna dawn l-inħawi. L-għan tat-Torri kien li dawk ix-xaqlibiet esposti għal xi invażjoni għal għarrieda ikollhom protezzjoni. Eżattament taħt it-Torri ta' Sopu, hemm l-Irdum iż-Żgħir, fejn in-nixxigħat ta' l-ilma għaddejjin minn ġol-blat tant jgħinu biex dawk l-inħawi, għalkemm qrib il-baħar, jibqgħu għonja b'tant raba saqwi u għammieli.

Madwar il-bajja ta' Daħlet Qorrot hemm maqtugħin fil-blat xi kmamar u garaxxijiet ta' xi sajjieda. Il-Kunsill Lokali tan-Nadur matul l-aħħar sena bena ukoll latrina għall-kumdità tan-nies li jqattgħu l-ħin f'din il-bajja. Fis-sajf din il-bajja tkun mimlija bid-dgħajjes tas-sajd, u hi aċċessibbli għall-għum; fil-fatt qegħda ssir waħda mill-aktar bajjiet popolari għall-għum. Fis-sajf f'din il-bajja jsiru ukoll ħafna '*barbeques*'.



# RIGAL TAL-"BIRTHDAY"!
## *Grazzi lill-Benefatturi qarrejja tagħna*

Fl-okkażjoni sabiħa ta' għeluq is-Sittin Anniversarju mit-twelid tar-rivista tagħna (1945 – 2005) f'Ġunju li għadda, għadd sabiħ ta' benefatturi fost il-qarrejja tagħna għoġobhom minn jeddhom jibgħatulna offerta libera għall-ispejjeż kbar li qed ikollna (Lm 800 kull ħarġa) biex "*Il-Ħajja f'Għawdex*" tkompli toħroġ. Id-direzzjoni u l-amministrazzjoni tar-rivista tixtieq trodd ħajr lil dawn l-abbonati għall-offerta/rigal li bgħatulna:

Azzopardi, Pawla, (Xewkija) – Lm 5
Camilleri, Maria, (Xagħra) – Lm 2
Cefai, Maria, (Qala) – Lm 4
Cefai, Rose, (Qala) – Lm 2
Cremona Ġużeppa, (Qala) – Lm 5
Curmi, Mons. Albert, (Fontana) – Lm 5
Galea, Nancy, (Xagħra) – Lm 2
Grech Vella, Mons. Anton, (Victoria) – Lm 5
Grech, Francesca, (Qala) – Lm 10
Mangion, Joseph, (Żurrieq) – Lm 3
Mizzi, Victoria, (Għarb) – Lm 10
Portelli, Maria, (Nadur) – Lm 2
Portelli, Salvina, (Għarb) – Lm 5
Puli, Mary, (Sliema) – Lm 5;
Refalo Zammit, Rev. Anton, (Xagħra) – Lm 2
Rev.da Madre Superjura, (Sorijiet Franġiskani – Qala) – Lm 5
Saliba, Manuel, (Victoria) – Lm 5
Spiteri, Mary, (Għajnsielem) – Lm 10
Vella Haber, Baruni Kelinu, (Gżira) – Lm 5
Xerri, Angela, (Qala) – Lm 2
Xerri, Angolina, (Munxar) – Lm 2
Xerri, M'Josette, (Qala) – Lm 5
Zammit, Benna, (Xewkija) – Lm 2

Ma' dawn imsemmija hawn fuq, kien hemm diversi abbonati oħra li ma riedux li jidher isimhom u ffirmaw l-għotja tagħhom N.N. Sa xħin morna għall-istampa, kienet inġabret b'kollox is-somma sabiħa ta' Lm 120 li se jmorru għax-xiri ta' '*printer*' ġdid li kien meħtieġ għas-sistema tal-kompjuter tagħna li fuqu tissawwar ta' kull xahar ir-rivista tagħna.

Grazzi mill-qalb u l-isbaħ xewqat ta' sliem u barka lill-qarrejja kollha ta' "*Il-Ħajja f'Għawdex*".

31 ta' Awwissu, 2005

**Dun Anton Sultana**
**Amministratur**

XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA

# Mons Alwiġ Vella (1859-1928)

## 4. Iwaqqaf l-Opri Ewkaristiċi f'Savina



L-Adorazzjoni f'Savina

Min imur illum fil-knisja ta' Savina jista' jara b'għajnejh persuni deħlin u ħerġin sabiex jagħmlu adorazzjoni lil Ġesù Sagramentat. Dan huwa frott ta' Dun Alwiġ li beda din il-ħidma.

L-Adorazzjoni Perpetwa kif nafuha llum inbdiet permezz tal-ħidma ta' San Pietru Ġiljan Eymard. Twieled fl-1811 u miet fl-1868. Għamel kull ma felaħ biex tingħata adorazzjoni lil Ġesù fl-Ewkaristija. Dun Alwiġ Vella, influwenza ruħu mill-ħidmiet ta' dan is-saċerdot qaddis Franċiż. Qara fuqu f'diversi rivisti barranin kif ukoll kellu l-ktieb ta' ħajtu "*Vita e virtù del Padre Pier Giuliano Eymard fondatore della Congregazione del SS. Sacramento*" stampat f'Ruma fl-1900. Tant kien influwenzat mill-ħajja ta' dan il-qaddis li l-Kardinal Domenico Ferrata fid-29 ta' April 1913 meta ġie biex jiftaħ il-knisja ta' Savina quddiem folla nies indirizzah: "Monsinjur jew, aħjar Padre Eymard ieħor."

Dun Alwiġ beda l-ħidma ta' l-Adorazzjoni Ewkaristika fil-knisja ta' San Ġakbu u fil-*Casa Madre* tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù. Ta' min isemmi li f'dan iż-żmien ma kienx għadu ħa r-responsabbiltà tal-knisja ta' Savina. Ma kienx kuntent b'din il-ħidma iżda ried li l-knisja ta' Savina ssir waħda ta' Adorazzjoni Perpetwa. It-triq ma kinitx faċli peress li l-permessi kienu għall-parroċċi, viċi-paroċċi jew djar tar-reliġjużi. Quddiem din l-impossibbiltà Dun Alwiġ ma qatax qalbu.

Għal dan l-iskop Dun Alwiġ mar Ruma sabiex jaqla' l-permess. Għadda għand il-Patrijiet tas-Sagrament li twaqqfu minn San Pietru Ġiljan Eymard. Meta urewh li kienet xi ħaġa impossibbli, Dun Alwiġ daħal fil-knisja ta' dawn il-Patrijiet u qal hekk lil Ġesù fl-Ewkaristija: "It-tama li baqagħli hija fik biss. Kulħadd qalli: ma jistax ikun. Inti tgħidli hekk ukoll? Jekk trid, tista'. Kollox f'idejk. Tini mmela d-dawl kif għandi nagħmel. La tħallinix immur minn Ruma mingħajr din il-grazzja li nixtieq".

Sadanittant bl-għajnuna tal-Kardinal Ferrata l-permess inqala' u l-knisja ta' Savina saret iċ-ċentru ta' Adorazzjoni Ewkaristika. Dun Alwiġ għamel dak kollu li seta' biex kemm is-saċerdoti u l-lajċi jagħrfu kemm hija importanti l-Adorazzjoni Ewkaristika fil-ħajja nisranija. Waqqaf dawn l-opri ta' adorazzjoni: L-Aggregazzjoni tas-Ssmu. Sagrament, il-Gwardja ta' l-Unur, il-*Piccoli Paggi*, L-Assoċjazzjoni ta' l-Adorazzjoni Kwotidjana Universali Perpetwa, u l-Adorazzjoni ta' bil-lejl, is-Soċjetà ta' l-*Ora Sancta*, is-Soċjetà ta' San Ġużepp, u s-Soċjetà ta' l-Erwieħ tal-Purgatorju. Kellu l-ħsieb li jitwaqqfu sorijiet (il-Qaddejja tas-SS.Sagrament) li l-iskop tagħhom kellu jkun l-adorazzjoni. Fl-istess ħin Dun Alwiġ inqeda permezz ta' l-istampa u beda joħroġ "*L-Eucaristija - ħabbar ta' Ġesù Sacramentat*"

B'dan il-mod Savina saret ċentru ta' Adorazzjoni Ewkaristika tant li bdiet tiġbed nies mill-ġżira kollha Għawdxija u anki minn Malta.

*(Din is-sensiela hija msejsa fuq il-ktieb Dun Alwiġ ta' Savina miktub minn Mons. Anton Gauci. Min jixtieq jixtri kopja jirrikorri għand l-awtur).*

**Angelo Xuereb**








### *Il-Jum Dinji taż-Żgħażagħ*

Laqtuni l-kummenti ta' Jean-Marie Guénois, tal-ġurnal *La Croix* dwar it-tnax-il diskors ta' Benedittu XVI tul l-ewwel vjaġġ appostoliku internazzjonali tiegħu, li għamel f'Kolonja f'Awissu fl-okkażjoni tal-Jum Dinji taż-Żgħażagħ. Aktar milli l-"kariżma tal-ġesti" ta' Ġwanni Pawlu II, li qanqal miljuni ta' nies, Benedittu XVI iġorr il-"kariżma tal-kelma", ta' mgħallem.

Fuq livell pastorali, ninnotaw min-naħa l-waħda kontinwità mal-predeċessur tiegħu u mal-Konċilju Vatikan II f'dak li jirrigwarda l-għaqda ta' l-insara, l-ekumeniżmu u d-djalogu mal-Lhud u ma' l-Islam; min-naħa l-oħra kien hemm novità fil-programm propost liż-żgħażagħ. Il-Papa ppropona idea ambizzjuża: dik li 'nibdlu d-dinja', mhux bil-forza tal-poter imma billi nitgħallmu "l-istil ta' Alla": "ma nibnux Alla privat", spjega Benedittu XVI. Heġġeġ liż-żgħażagħ irawmu sensibbiltà għall-bżonnijiet ta' ħaddieħor li tintwera filli jkunu lesti jaqsmu ma' ħaddieħor. Fuq livell politiku, il-Papa ħabbar żewġ sinjali ta' allarm: il-qawmien mill-ġdid ta' l-anti-semitiżmu, li dwaru wissa bil-qawwi tul iż-żjara tiegħu fis-sinagoga, u t-terroriżmu ta' oriġini reliġjuża, li kontrih indika t-triq tar-rispett u tal-glieda kontra l-intolleranza.

### *Tliet snin oħra*

Fi tmiem il-quddiesa tal-Jum Dinji taż-Żgħażagħ, f'Kolonja, il-Ġermanja, il-Ħadd 21 ta' Awissu 2005, Benedittu XVI ħabbar li l-Jum Dinji taż-Żgħażagħ li jmiss se jsir f'Sydney, l-Awstralja fl-2008.

### *Statwa ta' Papa Wojtyla f'Kuba*

*L'Osservatore Romano* semmiet l-istatwa tal-bronż, ta' qisien naturali, f'ġieh Ġwanni Pawlu II li ġiet inawgurata fil-belt Kubana ta' Holguin il-Ħadd, 26 ta' Ġunju li għadda. Għall-inawgurazzjoni hadu sehem l-isqfijiet tal-gżira li ċċelebraw il-50 anniversarju tas-saċerdozju ta' Mons. Héctor Luis Peña, Isqof ta' Holguin. Skond sorsi tal-Konferenza Episkopali, din hi l-ewwel statwa ddedikata lil Papa Wojtyla, li żar Kuba f'Jannar 1998. Il-ġurnal tal-Vatikan, hu u jagħti l-aħbar, fakkar il-kliem ta' Ġwanni Pawlu II tul iż-żjara tiegħu f'Kuba: "Li Kuba tinfetaħ bil-possibiltajiet kbar kollha tagħha għad-dinja u li d-dinja tinfetaħ għal Kuba".

### *Miftuħ Sptar Kattoliku fil-Korea ta' Fuq*

Fil-5 ta' Awissu ġie inawgurat ir-"*Rason International Catholic Hospital*". Huwa ttamat li dan l-isptar iservi biex titjieb il-qagħda tas-saħħa li hija diżastruża. Ġie rrappurtat li f'dan il-pajjiż tul l-aħħar 50 sena għebu madwar 300,000 insara. Attwalment ma jeżistux statistiċi preċiżi dwar il-Knisja Kattolika fil-Korea ta' Fuq, imma skond dokumentazzjoni disponibbli, f'dan l-Istat l-għadd ta' Kattoliċi hu bejn it-3,000 u l-4,000.

DM

David's Bakery Caterers

Il-Kwalità l-ewwel!

Tixtieq li jkollok ikla jew *party* mill-aqwa? Tixtieq li jkollok tieġ li tibqa' tiftakar? Afda fl-esperjenza ta' **David Mercieca**! ĦOBŻ - PANINI - QAGĦAQ - PIZZA - PASTIZZI - KRUSTINI - PASTI - ĦELU. Tel: 2155 5655/9000 Mobile: 9945 8131

## Għawdxin li għadna niftakru - 27 Minn Pawlu Mizzi

# SALVINA BEZZINA TAL-QALA

Ma nafx għaliex! Donnu iktar ma jgħaddu s-snin iktar lil ċerti nies ma ninsihomx. Anzi, kultant, donnhom jitfaċċaw quddiemi bla ma nistennihom. U donnhom l-artist ta' żmien il-*films silent*. Narahom jitħarrku, juruni x'iridu bil-mossi, u bla ma jitkellmu jgħiduli elf storja.

Hekk grali dan l-aħħar waqt li kont qed inqalleb fost il-karti l-qodma f'kexxun. Ġie f'idejja envelop b'tila tat-tapezzerija ġo fih. Kont se narmiha. Imma waqaft inħares lejha qisni statwa. Sthajjiltha qed tgħidli: 'Tiftakarni?'

Kienet qisha xegħlitli DVD!

Film sħiħ għadda minn moħħi: Jien ġej u sejjer Malta. Salvina ta' Ġużeppi taċ-Ċagħki. It-tfajliet ta' ħdejn il-bieb ta' barra, min bilqiegħda jinnittja, min fuq banketta bit-trajbu f'ħoġru u min ipaċpaċ u jidħak. L-isbaħ xeni ta' Għawdex ta' ħamsin sena ilu! Kulħadd, kullimkien jaħdem minn x'ħin jisbaħ sa ma jidlam.

Ftakart f'Mr. Frank. L-ewwel darba li ltqajt miegħu fil-villa l-ħamra ta' l-Imella. Dak inhar li ħadtu Għawdex. U fl-eloġji sbieħ għall-pajjiżna. Ma ninsihiex il-profezija li għamilli dak inhar.

Tiegħu kienet dik il-biċċa tapezzerija.

Qalli: 'Dawn ix-xogħlijiet huma l-futur tagħkom. Il-fabbriki jagħtu xogħol lil elf ruħ. Dawn jitimgħu elf familja. Huma jiġbdu t-turisti jekk tridu toħolqu turiżmu kulturali.

Ma fhimtux. Dik kienet l-ewwel darba li smajt bit-turiżmu kulturali. Ħsibtu qed jgħid għat-tapezzerija. Għax fiha l-arti, trid nies ta' sengħa u reqqa biex taħdimha, u fuq kollox xerrejja ta' klassi.

U ftaħtilha fuq Salvina. Is-CV sħiħ tajtu. L-isbaħ li stajt: li kienet tgħallmet mas-sorijiet; li kien ilha minn tfulitha taħdem ir-rakkmu, kemm vintartali u kapep ħadmet għall-knisja, kemm kienet bieżla d-dar, twajba u lesta biex tgħin, fuq kollox ġejja minn familja sempliċi imma ħawtiela mehdija fuq ix-xogħlijiet tad-dar.

Mr. Frank daħak jismagħni ngħid dik il-litanija. Induna li kont qed inħawwad. Qalli li fil-kultura ta' l-artiġġjanat kienu meħtieġa kemm is-Salviniet u kemm il-Marijiet u l-Martijiet. Għax kull mod ta' xogħol kien kultura. Ukoll dak tal-bdiewa fl-għelieqi u tal-mastrudaxxa li jagħmel it-twieqi.

Dawn kienu il-ħidmiet li jiġbdu l-viżitaturi lejn gżiritna. Għax it-turiżmu kulturali ma kienx biss il-Ġgantija u li jekk ridna lil gżiritna vetrina ta' dak kollu li hu Malti ma stajniex ma ndaħħlux fiha il-bizzilla, il-qfief, il-fuħħar, il-ġbejniet, u magħhom prodotti aktar fini bħalma huma r-rakkmu u t-tapezzerija.

Iktar emmint f'Salvina! Għalija ma kienx hemm mara aktar maqtugħa għax-xogħol tat-tapezzerija. Kien xogħol li jeħtieġ reqqa u attenzjoni. Għalhekk ideali għall-mara tad-dar. U Salvina kienet mara tad-dar. Żewġha u uliedha l-ewwel, u magħhom it-tisjir, u t-tindif. Wara x-xogħol



ieħor. Biex isir bil-kalma u b'dedikazzjoni.

Meta mort naraha ma' Mr. Frank din kienet l-idea li laqtitni tagħha. Ma kenitx ġiet laqgħetna hi. Tfaċċat flokha fil-bieb it-tifla tagħha l-kbira Mary Rose. Ta' xi għaxar snin. Salvina baqgħet fejn kienet, bilqiegħda fuq sufan, mehdija fuq tambur taħdem ir-rakkmu. Ħabtet se tqum kif semgħetni nistaqsi għaliha. Imma, Mr Frank ma ħallihiex. Anzi, qallha biex tibqa' bilqiegħda u tkompli fuq xogħolha.

Hi tbissmet.

'*Dan bil-ħajt tad-deheb*', qaltli kif indunat għal xhiex konna ġejna. U kompliet turini x'kienet qed taħdem.

'*Armi tal-uffiċjali għal Dolora tax-Xejxir!*' tennietli. '*Tħaddimhom għas-sur Grixti. U tħaddem xogħol ieħor għal ta' De Trafford.*'

U, bejn għax minnha misthija u bejn għax kienet kollha ħerqa tispiċċa dak li kienet qed tagħmel, kompliet tgħaqqad u taqta'. Kultant, ukoll, bi snienha. U tħalli t-truf imdendla maċ-ċirku tat-tambur.

Subgħajha tilgħin u niżlin ma' ras il-labra kienu impressjonawh. Daqqa tiġbed 'l hawn u daqqa tissekka 'l hemm. Dejjem bi preċiżjoni u kull punt f'postu. Kien qisha fuq tastiera tal-pjanu.

Tassew sthajjiltni fl-aqwa kunċert. Kulħadd sieket. Għajnejn Mr. Frank fuq subgħajn Salvina.

F'qalbi għidt: 'Mhux għaġeb li l-barranin jieqfu jiskantaw lejn xi mara taħdem il-bizzilla!'

Għajnejh ma qalagħhomx minn fuqha. Kultant iħarrek rasu mistagħġeb. U jitbissem.

U, Salvina, ittella' punt wara punt. Tiġbed, tissekka u tħallat l-ilwien.

Imbagħad refgħet rasha u ħarset lejna.

*'Kont qet nuriha kif taqta' l-punt'* qalet. *'Għax faċli jiżżarrat dal-ħojt!'*

U hemżet il-labra mat-tila u daret lejna tkellimna.

*'Għidli Pawl!'* qaltli.

Kont sa nibda ngħidilha għalfejn konna morna għandha. Mr. Frank, imma, donnu ma kienx żgur minn dak li ra. Qabad f'idejh it-tambur u b'għajnejh u b'idejh fela ħajta ħajta l-biċċa li lestiet!

'Mirquma daqs ta' l-aħwa Vos li ħadmu l-arazzi ta' San Ġwann!' qalli kemm kemm jinstama'. 'Tassew meravilja!'

Mr Frank ħa n-nifs u għafasli idi. Kien iddeċieda.

*'I knew,'* qalli wara li ħriġna mingħand Salvina. *'Only in Gozo could find such artistry!'*

Mr Frank kien Lhudi mill-Belġju. Wieħed minn dawk li rasu lanqas in-Nażi ma kien irnexxielhom ikissruhielu. Qabel il-gwerra kellu stabbiliment magħruf ta' l-antikwarjat. Kull tip ta' oġġetti antiki kellu fih. Minn għamara sa pupi tal-kina. Għalih, imma, ix-xogħlijiet tar-rakkmu u tat-tapezzerija ma kien jibdilhom ma' xejn. Kien idur il-kampanja għalihom. Ftit qabel faqqgħet il-gwerra basar li kien ġej l-inkwiet, biegħ kollox u telaq lejn l-Amerika. Ir-rabtiet tiegħu mat-tradizzjonijiet, iżda, ma telaqhomx. U wara l-gwerra reġa' mar lura jipprova jerġa' jibda. Mill-kampanja ta' tfulitu ma kien għad baqa' xejn. Kien kollox ħerba. La rziezet u lanqas bdiewa. Fabbriki kullimkien. Għalhekk ġie Malta u bit-tama li jsib dak li kien qed ifittex.

Kienet tassew ferħa għalih li jiltaqa' ma' Salvina. Fakkritu fin-nisa tal-Belġju ta' qabel il-gwerra meta l-artiġġjanat kien fl-aqwa tiegħu. U tħajjar jerġa' jibda biha. Ried, imma, ikun jaf iktar fuqha.

Lil Salvina kont nafha ħafna qabel ma żżewġet. Kienet tiġi ma' missierha kull nhar ta' Ħadd tara lil ħuha s-seminarju.

'Kien miegħi l-iskola,' għidtilha biex inħajjarha tgħid xi ħaġa fuq tfulitha. 'Ma ninsihx ismu. Mikiel Buttigieg. Bħal l-ewwel isqof ta' Għawdex'.

Widnejha nfetħu. U magħhom ukoll halqha.

*'Iwa, iwa, dok ukill mill-Qale kin!'* qaltli.

U biex ma nħallix id-diskursata tmut erġajt għidtilha: 'Hekk għandhom jisimgħuk tgħid tan-Nadur!' U t-tnejn infqajna nidħku.

Sħajjiltni nara għajnejn 'Dante' – kif konna insibu lil Ġanni Muscat – jinfduni bħal sajjetta dak il-ħin. Jaħtafha kien!

Fis-seminarju, imma, il-pika tal-parroċċi bejnietna l-interni kienet normali. Anke waqt xi logħba ċess jew dommino. Fuq xhiex ridtna nitkellmu?

Niftakar lil Joe Desira taż-Żejtun. Tifel b'qalbu tad-deheb. Imma, tmaqdarlux lil Santa Katerina jew tgħidlu li ż-Żwieten saqajhom ċatta għax jiżbell u tiftilha miegħu!

Darba kien fettilha ma' ħu Salvina. Dun Mikiel Buttigieg. Qallu li l-knisja tagħhom ma tgħid xejn. U Kilinu, mutu mutu, imma, qrunu f'butu, wiegbu: 'Mela, bħall-apparat ta' Santa Katerina! Anki r-rakkmu li ħadmitli oħti fl-imħadda isbaħ minnu.'

Salvina xenglet rasha. Kienet taf kemm kien jaf jagħti risposti f'waqthom ħuha. Fakkartha, imma, kif bdiet tirrakkma. Fil-bidu għal ħuha, imbagħad għall-knisja. Għax bħal tfajliet oħra tistinka tmidd idha għal kollox. L-ewwel f'dak li kien jeħtieġ id-dar u wara f'xogħlijiet oħra: tal-malja, taħdem il-flokkijiet jew tkeffef xi libsa qadima.

'Ma stajniex niltaqgħu ma' waħda aħjar,' stqarrli Mr. Frank x'ħin ħriġna mingħandha. U dik il-ġimgħa stess bdejna bix-xogħol.

Ma kienx faċli dal-bidu. Salvina, imma, kienet bniedma ta' rieda u f'inqas minn xahar sibna l-ħaddiema li xtaqna. Nistqarr li ma rajt qatt sabar daqs tagħha f'dak iż-żmien ta' sttarriġ. Ix-xogħol, għalhekk, intgħoġob u beda miexi.

Ma laħqux, imma, għaddew ħafna snin li Għawdex, bla ma ndunajna, kien beda jinbidel. Minn raba sar suq, fejn min kien jiflaħ beda jħawwel. Infetħu l-fabbriki u t-tfajliet, fil-veru sens tal-kelma, inkrew għal paga minima fix-xahar. B'hekk il-ħeġġa għat-tapezzerija naqset u magħha naqas kull xogħol ieħor ta' l-idejn.

Ħasra! Għawdex kien tilef il-fiżonomija kulturali tiegħu! Ma baqax jipproduċi mkatar tal-bizzilla. Minflok beda jagħmel tvalji bħal taċ-Ċina. B'hekk it-turisti li fittxew in-nissieġa tan-newl jew id-daqqaqa tal-qoton sabu biss *knitting machines* u lbiesi *made-to-measure* imperrċin f'kull rokna tal-ħwienet tagħna.

Minkejja dan it-taqlib fl-ekonomija, Mr. Frank u jien ma ħedejna qatt inżuru lil Salvina narawha taħdem u tifli kull biċċa li tlesti. Kull darba, imma, bit-tfal ma djulha.

Kemm kien sabiħ dak iż-żmien tal-*cottage industries*! Li taħdem fil-kalma ġo darek. X'ħin trid u fl-ambjent li jogħġbok. Kemm hu xogħol sabiħ!

Salvina kienet tippreferi taħdem wara li tlesti l-faċendi, b'uliedha, 'kk jista' jkun kollha, taħt għajnejha.

'Għax hekk ikolli moħħi iktar mistrieħ,' ġie li qaltli. 'U x-xogħol jitla' aħjar!'

Kultant, kont nitpaxxa bihom nismagħhom jgħidu r-Rużarju. U l-istess Mr. Frank, minkejja li ma kienx ta' twemmienna, l-hena tiegħu jara familja miġbura.

Lilu Salvina kienet tfakkru fl-ommijiet ta' żmienu. Għajnejhom ta' seqer fuq uliedhom. Dejjem, imma, daħkana. U lesti jagħtuhom qalbhom.

Lili, ma nafx l-għaliex, fakkritni f'Kornelja. Mara Rumana żnella, eleganti, simpatika, u fuq kollox modesta. Kif pinġiha Robert Caruana Dingli fl-istorja fit-tielet ktieb tal-Qari tal-Malti. Fuq sufan, taħdem fuq tambur, ma' uliedha. Kif rajtha dak inhar li mort l-ewwel darba nkellimha fuq it-tapezzerija.

U kif tiġi quddiem għajnejja kulmeta minn fuq ir-radju RTK nisma' lil binha Dun Ġorġ jgħid ir-Rużarju. Nistħajjilha b'idha f'idu tgħidli: "Din it-tapezzerija li nsiġt tul ħajti! Hija għalija l-aqwa teżor."

## Passiġġata Biblika - 9

*"Lilkom ingħata l-misteru tas-saltna ta' Alla, imma l-oħrajn, li huma barra, ikollhom kollox bil-parabboli." (Mk 4:11)*

# IL-PARABBOLI TA' SIDNA ĠESÙ KRISTU

minn Fr. Charles Buttigieg

### *Daħla*

Il-kelma 'parabbola' ġejja mill-kelma griega '*paraballo*' li tfisser 'tixhet ħdejn l-ieħor', 'li tqabbel' jew 'li tagħmel paragun bejn ħaġa u oħra'. Il-kelma ebrajka '*maxal*' għandha tifsira iktar wiesgħa minn dik griega u tirriferi għall-istejjer, għidut, proverbji, allegoriji, metafori u tixbihat. Din il-parobbola kienet tintuża ħafna fil-letteratura griega fil-lingwaġġ figurattiv. Fil-bibbja l-parabbola hija forma ta' tixbiha żgħira jew elaborata li tirrappreżenta storja mill-ħajja ta' kuljum, l-iktar mill-ħajja tar-rgħajja u tal-bdiewa, biex tfiehem aħjar bil-paraguni, l-messaġġ u t-tagħlim li jrid jitwassal għall-ħajja spiritwali.

### *Ġesù għallem permezz tal-Parabboli*

Fil-predikazzjoni tiegħu fl-art tal-Palestina, Ġesù bostra drabi għamel użu minn lingwagg ta' natura parabbolika, metodu ta' predikazzjoni li kien jiġbed ħafna l-attenzjoni tal-ġemgħa u tal-folol kbar ta' nies. Dan il-metodu ta' predikazzjoni kienu jużawh ukoll ir-rabbini u l-għorrief ta' żmien Ġesù. Ġesù kien jinżel għalhekk għal-livell tal-udjenza li kien ikollu quddiemu, ħafna minnhom nies rgħajja u familji tal-kampanja u għalhekk il-parobboli bl-istejjer ħfief tagħhom żgur li kienu jibqgħu miftakra tajjeb. Il-parabbola mela kienet mezz effikaċi ta' kif Ġesù wassal il-messaġġ salvifiku tiegħu fi tliet snin tal-ħajja pubblika sabiex il-bniedem jifhem mal-ewwel il-messaġġ u jbiddel ħajtu għall-aħjar.

Il-karatteristiċi tal-parabboli ta' Ġesù, huma li fihom niltaqgħu ġeneralment ma' xi karattri prinċipali, fihom diskorsi diretti, ikunu mibnija fuq xi kuntrast u jkollhom dejjem konklużjoni qawwija.

### *Il-Parabboli fil-Vanġeli Sinottiċi*

Il-klassifikazzjoni tal-parabboli dejjem ħolqot ftit problemi għall-istudjużi bibliċi u dan għaliex, mhux kulħadd juża l-istess prinċipji letterarji marbuta man-natura tal-parabbola u għaliex ukoll mhux dejjem insibu parabboli puri. L-ewwelnett fl-Antik Testment niltaqgħu ma' 7 parabboli, li hu ta' min isemmihom hawnhekk:

- tal-profeta Natan lis-Sultan David dwar il-ħarufa ta' l-imsejken raġel f'2 Sam 12:1-4.
- tal-mara vistuża minn Tekugħa f'2 Sam 14:1-11.
- ta' wieħed profeta lil Ahab f'1 Slat 20:35-40.
- tal-għalqa tad-dwieli f'Iż 5:1-7.
- tad-dielja u l-ajkla f'Eżek 17:3-10.
- tal-iljun f'Eżek 19:2-14.
- tal-borma tagħli f'Eżek 24:3-5.

Fil-Ġdid Testment il-parabboli nsibuhom fil-vanġeli sinottiċi, ta' San Mattew, San Mark u San Luqa. F'San Ġwann ma nsibux parabboli iżda metafori, allegoriji u diskorsi li aktarx jirrappreżentaw veritajiet għoljin u astratti.

F'San Mattew insibu 21 parabbola, fejn ħdax minnhom insibuhom fil-vanġelu tiegħu biss. Dawn huma l-parabboli li nsibu f'Mattew biss:

- tas-sikrana f'13:24-30.
- tat-teżor moħbi f'13:44.
- tal-ġawhra f'13:45.
- tax-xibka f'13:47.
- tal-qaddej li ma jaħfirx f'18:21-35.
- tal-ħaddiema fil-għalqa tad-dwieli f'20:1-16.
- taż-żewġ ulied f'21:28-32.
- tal-festa tat-tieġ ta' iben is-sultan f'22:1-14.
- tal-għaxar xebbiet f'25:1-13.
- tat-talenti f'25:14-30.
- tan-nagħaġ u l-mogħoż fil-ġudizzju f'25:31-46.

San Mark għandu 9 parabboli fejn tnejn minnhom insibuhom fil-vanġelu tiegħu biss, li huma l-parabboli:

- taż-żerriegħa li tinbet waħedha f'4:26-29
- u tal-bniedem li siefer u telaq mid-dar f'13:33-37.

San Luqa għandu 28 parabbola fejn sbatax minnhom jinsabu fil-vanġelu tiegħu biss, li huma dawn:

- taż-żewġ midjunin f'7:41-42.
- tas-samaritan it-tajjeb f'10:25-37.
- il-ħabib li jiġi f'nofs ta' lejl f'11:5-13.
- tal-għani iblah f'12:16-21.
- tal-qaddejja li jishru f'12:35-40.
- tal-qaddej il-fidil u tal-qaddej il-ħażin f'12:42-48.
- tat-tina bla frott f'13:6-9.



*It-Teżor moħbi*



*L-Iben il-Ħali*



*Il-Qaddej ħażin*



*Il-Fariżew u l-Pubblikan*

- tal-pranzu f'14:15-24.
- tat-torri u tas-sultan sejjer għall-gwerra f'14:28-33.
- tad-drakma l-mitlufa f'15:8-10.
- tal-iben il-ħali f'15:11-32.
- tal-amministratur li ma kienx fidil f'16:1-13.
- tal-għani u Lazzru f'16:19-30.
- tad-dmir il-qaddej f'17:7-10.
- ta' l-imħallef u l-armla f'18:2-8.
- tal-fariżew u l-pubblikan f'18:9-14.
- tal-għaxar miniet f'19:11-27.

Fis-sinottiċi b'kollox insibu 40 parabbola. Tlieta minnhom insibuhom f'Mattew u f'Luqa biss u huma dawn li ġejjin:

- tas-sisien tajba u dawk ħżiena f'Mt 7:24-27 u f'Lq 6:47-49.
- tal-ħmira f'Mt 13:33 u f'Lq 13:21-21.
- tan-nagħġa l-mitlufa f'Mt 18:12-14 u f'Lq 15:3-7.

Huma sebgħa b'kollox il-parabboli li jinsabu fi tliet vanġeli u huma dawn:

- tal-musbieħ taħt il-modd f'Mt 5:15-16; f'Mk 4:21 u f'Lq 8:16.
- tal-libsa l-qadima u drapp ġdid f'Mt 9:16; f'Mk 2:21 u f'Lq 5:36.
- tal-inbid ġdid f'damiġġani ġodda f'Mt 9:17; f'Mk 2:22 u f'Lq 5:37.
- taż-żerriegħa f'Mt 13:3-9; f'Mk 4:3-9 u f'Lq 8:5-8.
- taż-żerriegħa tal-mustarda f'Mt 13:31-32; f'Mk 4:30-32 u f'Lq 13:18-19.
- tal-għalqa u l-bdiewa f'Mt 21:33-46; f'Mk 12:1-12 u f'Lq 20:9-19.
- tas-siġra tat-tin f'Mt 24:32-35, f'Mk 13:28-31 u f'Lq 21:29-33.

Kif qegħdin naraw mit-temi ta' dawn il-parabboli, uħud minnhom jittrattaw is-Saltna ta'Alla, il-Knisja, oħrajn il-ġudizzju u s-salvazzjoni, oħrajn juru l-ħniena u l-imħabba ta'Alla u oħrajn jgħallmuna dwar id-dmirijiet tan-nisrani lejn Alla u lejn il-proxxmu permezz tal-indiema, it-talb, il-fidi u l-karità.

## *Il-Parabboli llum*

Dawn il-parabboli ta' Ġesù jibqgħu dejjem attwali għaliex il-messaġġ tagħhom hu dejjem validu u dan għaliex Ġesù qed jgħallem illum ukoll. Huwa tajjeb ħafna li l-katekisti jużaw dawn il-parabboli fil-katekeżi tat-tfal u fil-preparazzjoni tagħhom għas-sagramenti. Huma dejjem strument importanti u effikaċi għat-tixrid tal-Kelma t'Alla qalb il-poplu tal-Knisja ta' Kristu.

## Biblijografija

*Boucher, M., The Parables, Wilmington 1981.*

*Crossan, J.D., Cliffs of Fall: Paradox and Polyvalence in the Parables of Jesus, New York 1980.*

*Drury, J., The Parables in the Gospels, New York 1985.*

*Goulder, M., "Characteristics of the Parables in the Several Gospels", in JTS 19 (1968) 51-69.*

*Westermann, C., Vergleiche und Gleichnisse im Alten und Neuen Testament, Stuttgart 1984.*

*Wilder, A., The Language of the Gospel, New York 1964.*

*L-appuntament ta' Dr Mario Saliba M.D. mal-qarrejja tagħna.*

# int u saħħtek



# Is-Sewqan Mingħajr Periklu

**Sikwit nisimgħu b'inċidenti tat-traffiku xi kultant fatali. S'issa din is-sena mietu tnax-il persuna kawża ta' inċidenti tat-traffiku. Barra minnhekk diversi kienu l-konsegwenzi oħra u l-korrimenti b'ħafna telf ta' xogħol, skola u anke spejjeż kbar.**



Huwa fatt li l-inċidenti tat-traffiku qegħdin jiżdiedu. Dan minħabba żieda ta' numru akbar ta' vetturi, iktar sewqan veloċi, iktar ġiri bil-lejl u iktar konsum ta' alkoħol. Is-sewqan jinvolvi għadd ta' kapaċitajiet li ħafna drabi aħna neħduhom qisu xejn mhu xejn, kif jgħidu l-ingliżi *for granted*. Biex issuq tajjeb trid tkun f'tiegħek mija fil-mija mingħajr ma tkun għajjien, sturdut jew bil-mejt, għax waqt is-sewqan trid tieħu ċerti deċiżjonijiet malajr, b'mod ħafif u mingħajr żbalji. Żball ċkejken jew ftit ta' nuqqas ta' azzjoni fil-ħin tista' tiswielek ħajtek jew tkun il-kaġun ta' inċident. Nofs l-inċidenti tat-traffiku huma kawża ta' xorb alkoħoliku u terz minn dawk li mietu kellhom livell għoli ta' alkoħol fid-demm.

Huwa stmat li nofs miljun persuna jmutu madwar id-dinja kull sena minn inċidenti stradali. 45,000 minnhom imutu fit-toroq madwar l-Ewropa. Barra minn dawn miljun u sitt mitt elf oħra jweġġgħu kull sena madwar l-Ewropa. Issa Malta minkejja ċ-ċokon tagħha qiegħda fuq nett fil-lista ta' pajjiżi fil-konsum ta' alkoħol fost iż-żgħażagħ. Dan ifisser li ż-żgħażagħ Maltin u Għawdxin huma l-ewwel fl-ammont ta' xorb alkoħoliku li jixorbu. Dan jista' jirriżulta f'iktar inċidenti tat-traffiku ħtija ta' dan ix-xorb żejjed. Meta l-livell ta' alkoħol fid-demm ikun għoli dan jaffettwalek l-għajnejn; inaqqaslek l-kapaċità li tara bil-lejl u jnaqqaslek il-kapaċità li tieħu azzjoni f'waqtha bħal tuża' brejk, iddawwar l-*istering*, jew tbiddel il-*lanes* jew tittendi bit-*traffic*



*lights*. Fi kliem ieħor ir-*reaction time* jitwal, jiġifieri l-ħin li l-moħħ idum biex jieħu deċiżjoni jitwal u hekk ikun tard wisq.Inaqqaslek il-ġudizzju li taġġastja skond il-kundizzjonijiet differenti tat-toroq, u bħalma jaf kulħadd it-toroq hawn Malta u Għawdex ma' tantx huma tajbin.

Naturalment l-għejja hija l-ewwel fattur li jaffettwa s-sewqan. Ma tistax issuq b'mod tajjeb jekk tkun għajjien. Hemm ċerti nies li għandhom tendenza li jorqdu meta jkunu jsuqu anke meta ma jkunux għajjenin ħafna. Dawn ibatu minn kundizzjoni li tissejjah *sleep apnea*. Din hija perikoluża ħafna. Dawn sempliċiment tmur għajnhom bihom u jorqdu fuq l-*istering*. Il-mediċini li nkunu nistgħu nieħdu kemm dawk regolari u kemm dawk li nieħdu għal ftit tal-jiem bħal antibiotiċi jistgħu jaffettwawna fis-sewqan. L-iktar mediċini li jtellfuna fis-sewqan huma l-kalmanti, l-pilloli ta' l-irqad. Irridu noqogħdu attenti ħafna meta nkunu nieħdu dawn it-tip ta' pilloli u jkollna bżonn insuqu. Iktar agħar meta nħalltu dawn il-mediċini mal-alkoħol. Qatt ma għandna nieħdu alkoħol flimkien ma' dawn il-mediċini meta nkunu ser insuqu.

Il-kalmanti isimhom magħhom, jikkalmaw lill-individwu fis-sens li jnaqqsu mill-attività. Għalhekk isir *slow* fil-kliem, fil-ħsieb u anke fix-xogħol li jagħmel inkluż meta jsuq. L-iktar parti tal-ġisem milquta hija l-moħħ. Meta nħalltu l-alkaħol l-effett ikun doppju u naturalment il-periklu akbar.





Ix-xorb u s-sewqan ma jmorrux ma' xulxin. Jekk għandek okkażjoni tixrobx. Illum sfortunatament ħafna żgħażagħ jixorbu u jsuqu. Dan meta jistgħu jkunu għajjenin ukoll peress li jkunu qattgħu l-lejl barra. Il-ħinijiet li fihom l-iktar li jseħħu inċidenti tat-traffiku huma fis-sigħat bikrin tal-jum bejn it-tlieta u s-sitta ta' filgħodu meta ż-żgħażagħ ikunu qed jirritornaw lura lejn id-dar.

Meta ngħidu xorb alkoħoliku nifhmu birra li fija minn 3% sa 6% alkoħol, inbid li fih minn 12% sa 20% alkoħol u xorb irqiq *whisky*, *brandy,vodka* u *liqours* li fihom sa 50% alkoħol. Għalhekk minn dan it-tip ta' xorb irridu nieħdu anqas għax jaffettwa lill-moħħ iktar. Żewġ tazzi birra jew tlieta huma biżżejjed. Tazza nbid jew tnejn huma l-limitu u grokk *whisky* huwa biżżejjed. Jekk nixorbu iktar minn dan l-ammont it-test tad-demm jew il-*breathanalyser* ser jimmarka *positive* u nistgħu niġu fit-*trouble* mal-liġi, għalkemm ma tantx qed jsiru dawn it-testijiet f'pajjiżna.

Naturalment għas-sigurtà tagħna u ta' l-oħrajn nużaw iċ-ċinturin tas-sigurezza (*seat belt*). Jekk inkunu xrobna jew għajjenin m'għandniex insuqu. Avolja jkun bil-lejl u ma tantx ikun hemm *traffic* fit-toroq, xorta rridu nsuqu bil-għaqal. Ħafna mill-ħabtiet ta' mal-lejl ikunu f'xi siġra jew ġol-ħajt. Jekk tkun irrabjat jew inkwetat issuqx. Ftakar li kull inċident li jiġri minħabba x-xorb jista' jkun evitat.

D-Bar Café

*where friends are meeting!!*

**Pan Pizza, Pasta & Home-made Cooking**

St. Joseph Square, Qala, Gozo.
Tel: 2155 6242 • Mob: 7942 7014

*For delicious Italian and Maltese meals...*

Ta' Vestru

**BAR, RESTAURANT & PIZZERIA**

**Open daily for Lunch and Dinner**

**5, St. Joseph Square, Qala, Gozo. Tel: 2156 4589, 2155 9090**

# ĦOLM IL-ĦAJJA



*Pariri lill-Adolexxenti minn* ***MARY PULI***

## *IT-TAGĦLIM M'HAWNX PREZZU*

### 1 *Storja*

Benny ta' tnax -il sena xtaq kieku jmur l-iskola, imma l-ġenituri tiegħu ma kellhomx biex jixtrulu l-uniformi, il-kotba, u l-pitazzi. Allura kien iqum kmieni biex iqassam il-gazzetti kuljum u dak li jaqla' jerfagħhom ħalli jixtri xi bżonnijiet biex jitgħallem. Darba, qabdu għatx kbir u ċempel il-qanpiena ta' bieb biex jitlob tazza ilma. Fetħitlu tfalja. Staħa, iżda għamel il-kuraġġ u talabha jixrob.

Daħħlitu ġewwa u minflok ilma newlitlu tazza kbira ħalib u bezzun. Wara fittex ħaffef lejn l-iskola qabel tibda l-ewwel lezzjoni. Ma kienx jidħol fil-klassi jew ipoġġi fuq bank. Xejn minn dan!

Kien joqgħod fuq il-bankina, eżatt taħt it-tieqa ta' waħda mill-klassijiet jisma' l-lezzjonijiet. L-istudenti ma waqfux iħarsu 'l barra jarawh iniżżel in-noti. Fl-aħħar, l-għalliema messitha l-kurżità u ttawlet għal barra. Meta rat lit-tfajjel bilqiegħda taħt it-tieqa, talbitu jwarrab biex ma jtellifx lill-istudenti tagħha. Imma t-tfajjel talabha tħallih jitgħallem minn taħt it-tieqa. Ma kien qed ifixkel lil ħadd. Qalilha bis-sitwazzjoni li kien jinsab fiha. L-għalliema ġietha ħniena minnu u biex tikkonferma jekk qalx il-verità, għamlitlu xi mistoqsijiet dwar il-lezzjoni. Skantat meta weġibha eżatt u bla tlaqliq. Talbitu l-indirizz u sa fil-għaxija xtratlu l-uniformi u kull ma kellu bżonn, biex l-għada seta' jibda jattendi l-iskola. Benny mexa 'l quddiem fl-istudju, daħal l-Università, laħaq tabib u saħansitra professur ta' l-għadam.

Ġara li f'dak ir-raħal ta' ċkunitu, kien hemm waħda li kellha bżonn ta' operazzjoni f'daharha. Hajruha tmur għand professur imsemmi għas-suċċessi li jkollu fuq dawk l-operazzjonijiet. Hekk għamlet, ġemmgħet kemm setgħet u marret. Il-professur għarafha, ftit li xejn kienet tbiddlet wara dawn is-snin li kien ilu nieqes, imma hi ma għarfitu b'xejn.

Wara l-operazzjoni tħassbet mhux ftit minħabba l-kont li, min jaf kemm kien se jkun għoli. Meta tawha l-kont, inħasdet mhux ftit.

Imma meta tatu daqqa t'għajn kollu, u dawwret il-folja rat nota, iffirmata mill-professur stess, li kienet tgħid hekk:

"Il-kont diġà ħallastu b'dik it-tazza ħalib u l-bezzun li kont tajtni meta tlabtek tagħtini tazza ilma!" Benny stinka, bata u ħadem b'ħafna sagrifiċċji biex laħaq l-għan tiegħu.

### 2 *Tagħlima*

Illum ma nemminx li hawn min hu f'din l-estremità ħlief fil-pajjiżi tat-tielet dinja. Imma min ma jbatix biex jilħaq l-għan tiegħu? Illum hawn l-opportunitajiet kollha biex dak li jkun javanza fit-tagħlim. Min ma jitgħallimx għax ma jridx. Opportunitajiet hawn kemm irridu.

Il-ġenituri jibgħatuna l-iskola biex nedukaw rwieħna. Jagħmlu ħafna sagrifiċċji biex jarawna mixjin 'il quddiem fl-iskola u dan ikun l-akbar sodisfazzjon għalihom. Mill-banda l-oħra aħna rridu nagħmlu l-parti tagħna billi nattendu l-iskola u napprofittaw ruħna mil-lezzjonijiet li jkollna. In-nies jgħaddu ġudizzju fuq l-iskola skond l-imġiba ta' l-istudenti tagħha. Jekk l-istudenti jkunu għaqlin, jgħaddu mill-eżamijiet u jġibu ruħhom tajjeb, l-isem ta' l-iskola jogħla.

Għandna nkunu kburin bl-iskola tagħna, inkunu leali lejha u lejn l-għalliema tagħna.

Inkunu puntwali u nuru interess billi nieħdu magħna dak kollu li ser niġu bżonn għal-lezzjonijiet biex ma noqogħdux inġibu l-iskużi ħalli ngħattu t-traskuraġni tagħna.

### 3 *Pariri*

Meta nidħlu l-iskola, insellmu lill-Kap tagħha, imbagħad nimxu lejn klassi jew lejn il-bitħa/is-sala fejn tingħad it-talba ta' fil-għodu.

Jekk jaslu xi għalliema magħna, nistennew lilhom jidħlu qabilna u biex nuru li aħna edukati, inżommu l-bieb miftuħ biex jidħlu huma l-ewwel. Jekk il-bieb ikun magħluq ngħalquh warajna.

Nibżgħu għall-propjetà ta' l-iskola u ta' sħabna. Ma nieħdu xejn ta' ħadd, lanqas b'self mingħajr il-permess tagħhom.

Nimxu bl-edukazzjoni u bil-ġenerożità ma' sħabna – insellfuhom jekk ikollhom bżonn xi ħaġa. Ngħinuhom jekk inkunu fehemna l-lezzjoni aktar minnhom. Jekk isellfuna xi ħaġa inrodduha lura fl-istess kundizzjoni li jkunu sellfuhielna. Jekk xi ħadd nesa l-ħobż id-dar nagħtuh minn tagħna.

Inġibu ruħna tajjeb waqt il-logħob u l-isports. Jekk noħorġu telliefa ma nieħdux għalina jew nużaw kliem li jweġġa' qalb dak li jkun. Nitgħallmu nirbħu u nitgħallmu nitilfu.

Jekk ikollna xi ngħidu ma' xi ħadd, insolvu l-problema dak il-ħin, mhux nintrefgħu minn xulxin u ma nitkellmux.

Jekk naħsbu li aħna kapaċi aktar mill-oħrajn fl-iskola, ma nerfgħux rasna fuq l-oħrajn anzi fid-dmir li ngħinuhom, għax it-talenti li tana Alla ma nistgħux inżommuhom għalina biss.

Meta fil-klassi jkun hemm student li jilgħabha tal-"*bully*", ma nkomplux miegħu, anzi ngħinu lill-vittma jagħmel il-kuraġġ u jqum fuq tiegħu. Ma ninsewx li l-"*bully*" jkollu bżonn l-għajnuna għax meta jaħqar lil studenti oħra, ikun qed jiżfoga n-nervi li jkollu. Jista' jkun li fil-familja għandu ħafna problemi. Minflok neħduha kontrih, ngħinuh jiċċivilizza ruħu u nuruh li nħobbuh ħalli ma jsirx aktar vjolenti.

Nagħmlu użu tajjeb mill-ħin li nqattgħu fl-iskola, u dak li nkunu tgħallimna nkomplu nżiduh b'aktar studju u qari.



# Bejnietna n-Nisa

Tiktbilna SUSAN MULVANEY



## IL-ĦASIL TA' L-IDEJN MHUX ĊAJTA

Żewġ miljun tifel u tifla jmutu kull sena f'pajjiżi li qed jiżviluppaw minħabba mard ta' l-imsaren. Minn dawn, kważi nofshom jistgħu jiġu evitati jekk in-nies jaħslu jdejhom bis-sapun!

Min jaf kemm-il darba, sa minn meta konna għadna żgħar, laqqatna għajta mingħand il-ġenituri tagħna jew mill-għalliema ghax ma ħsielniex idejna. Aħna d-dar konna mdorrijin li kemm wara t-*toilet* kif ukoll qabel immissu xi ħaġa ta' l-ikel, irridu naħslu jdejna. U mhux inbaħbħuhom bl-ilma kiesaħ, iżda naħsluhom bis-sapun.

Hija ħaġa ta' l-iskantament kif, fis-Seklu 21, għadek issib xi wħud (aktar irġiel milli nisa!) li jidħlu t-*toilet* u meta jlestu ma jaħslux idejhom. Daqskemm ma hawnx min la jifflaxxja u lanqas jiftaħ tieqa!

Ma jirrealizzawx li dik li nikkunsidraw bħala "drawwa komuni", għandha effett hekk tremend fuq is-saħħa pubblika.

Dan l-aħħar, ir-rivista influwenti *The Lancet Infectious Disease Journal* ħarġet bl-istatistika li miż-żewġ miljun tifel u tifla li qed imutu fis-sena fil-pajjjiżi li qed jiżviluppaw, minħabba d-dijarrea, bejn 42 u 47 fil-mija jistgħu jiġu salvati jekk dawk li jieħdu ħsiebhom jaħslu jdejhom bis-sapun.

Dan ifisser li l-ħasil ta' l-idejn bis-sapun huwa aktar effettiv fil-prevenzjoni tal-mard konness mad-dijarrea, mit-titjib fil-faċilitajiet sanitarji.

Dan l-aħħar, fil-kwistjoni tas-SARS, saret enfasi partikulari dwar il-ħasil ta' l-idejn bħala mezz biex din il-marda ma tkomplix tixtered.

Stqarrija li ħarġet dan l-aħħar mill-Bank Dinji tgħid li "jagħmel sens kif intervent hekk sempliċi u ta' teknoloġija baxxa jista' jkollu effett hekk kbir" fuq is-saħħa pubblika.

"Il-mard li jittieħed jinfirex minn persuna għall-oħra b'faċilità ferm ikbar meta jkun hemm nuqqas ta' iġene. Il-mikrobi, litteralment, jieħdu lift minn persuna għall-oħra. Idejn mhux maħsulin għandhom l-istess effett ta' bajd tad-dubbien li jġorru l-mikrobi minn post għall-ieħor.



Bħad-dubbien, l-idejn mhux maħsulin sewwa jġorru miljuni ta' mikrobi minn *toilet* għal fuq l-ikel f'ħakka t'għajn. Biljun ta' virus jixterdu b'għatisa, u l-id mhux maħsula sewwa li tgħatti l-ħalq u l-imnieħer, jekk ma tinħasilx sewwa, tgħaddihom lill-vittmi ġodda."

Il-Bank Mondjali jgħid li qatt ma hu faċli li tbiddel l-attitudni, u minkejja li l-ġenituri u l-edukaturi tagħna saħqu magħna dwar l-importanza tal-ħasil ta' l-idejn, illum hawn metodi oħra kif il-bniedem jista jbiddel id-drawwiet. Kumpaniji li jimmanifatturaw is-sapun, li għarfu jirreklamaw "il-pjaċir ta' l-indafa", kabbru l-bejgħ tagħhom bejn għaxra u tnax fil-mija.

Iżda l-aktar li jibbenefikaw mill-ħasil ta' l-idejn bis-sapun ma humiex il-manifatturi tas-sapun iżda dawk li jaħslu jdejhom. Ir-realtà hi li anke min hu fqir kapaċi jixtri biċċa sapuna għall-ħasil tal-ħwejjeġ u għall-iġene personali, u għalhekk tiġi waħedha l-mistoqsija għaliex ma jużawx is-sapun meta jaħslu jdejhom, ħaġa tant importanti għas-saħħa u l-iġene.

Aħna żgħar, u jekk, minħabba l-ħmieġ u nuqqas ta' iġene, infaqqgħu epidemija, il-Bambin biss irid jeħlisna mill-effetti tagħha, kemm f'dik li hija saħħa kif ukoll mil-lat ekonomiku.

Biżżejjed inħarsu ftit lejn il-pajjiżi li ntlaqtu mis-SARS, u għandna stampa ċara x'ħerba tista' tagħmillek imxija ta' din il-kwalità.




### *Qatluhom biex jisirqulhom il-karozza*

Il-pulizija Afgana sabet il-kadavri ta' 18-il persuna, li huma maħsubin li kienu sewwieqa ta' *taxis*, midfunin taħt dar wara li nqatlu biex jisirqulhom il-karozza, qal uffiċjal għoli tal-pulizija. Sitt ħallelin tal-karozzi li ġew arrestati wasslu lill-pulizija lejn id-dar fil-belt ta' Jalalabad, qal il-Ġeneral Abdul Razaq, kap ta' l-uffiċċju tal-prosekutur fil-belt. "Huma identifikaw dar oħra wkoll, iżda għadna m'għamilniex tfittxija" qal Razaq. "In-numru totali tal-kadavri jista' jitla' għal 25" huwa qal. Uħud mill-kadavri li nstabu kienu ilhom hemm madwar sentejn, qal Razaq.

### *Ittra tistqarr delitt wara 100 sena*

Kelliema għall-pulizija fl-Awstralja qalet li waqt xogħol ta' rinnovazzjoni f'dar qrib il-kapitali ta' Adelaide, instabet ittra li stqarret delitt li kien sar aktar minn 100 sena qabel. Dan wassal biex il-pulizija tibda tfittex għall-fdalijiet tal-kadavru. Il-kelliema żiedet li l-ittra nstabet mis-sidien ġodda tad-dar iżda ma tat l-ebda indikazzjoni ta' fejn seta' tħalla l-kadavru.

### *Inqabdet iddaħħal 104 kili ta' bebbux*

Uffiċjali tad-Dwana fl-Ingilterra arrestaw mara min-Niġerja li kellha bebbux aktar milli tiżen hi stess. Il-mara nżammet fl-ajruport ta' Heathrow wara li ddikjarat li kellha xi affarijiet x'tiddikjara. Meta l-uffiċjali fittxewlha fil-bagalji sabu kwantità kbira ta' bebbux tajjeb għall-ikel, oġġett bħalissa mfittex ħafna biex jittiekel fir-ristoranti fl-Ewropa. Bob Gaiger, wieħed mill-uffiċjali li għamel it-tfittxija, qal li din kienet l-akbar qabda ta' bebbux fl-istorja ta' l-ajruport. Il-qabda kien fiha mal-104 kili.Il-mara kienet għadha kemm waslet minn Lagos. Meta uffiċjal fetaħ waħda mill-bagalji sab kwantità ta' bebbux jiġri qalb ħwejjiġha. Aktar ma fetħulha bagalji aktar bdew isibu bebbux.It-tip ta' bebbux li kienet se ddaħħal l-Ingilterra huma l-bebbux Afrikan li jissajjar ħafna f'Pariġi. Il-mara nħarġet fuq pleġġ u mistennija tidher il-qorti akkużata li ppruvat timporta oġġetti ta' l-ikel ipprojbiti.

### *Borma 'risotto' għall-karità*

Mijiet ta' voluntieri u kokijiet magħrufin Awstraljani ħolqu flimkien borma *risotto* li tiżen 7.5 tunnellata fil-port ta' Sydney. Dan l-avveniment sar biex jinħoloq għarfien għall-ġuħ kbir li hawn fid-dinja u biex jinġabru fondi għall-karità. Biex iħawdu r-*risotto* il-voluntieri wżaw l-imqadef. Il-*Guinness Book of Records* qal li l-akbar borma *risotto* ta' qabel kienet tiżen 6.3 tunnellata.

### *Għal min m'għandux ċans jagħmel tè*

Qatt qomt filgħodu, xtaqt tieħu belgħa tè iżda spiċċajt ma ħadt xejn għax ikun sar il-ħin? Dawn il-problemi issa spiċċaw hekk kif grupp ta' xjenzjati indjani għadhom kif ħolqu pillola b'togħma tat-tè li tista ddaħħalha f'ħalqek u tomgħoda jew inkella tħalliha ddub f'tazza b'ilma sħun jew kiesaħ. Din il-pillola ġiet ivvintata fiċ-ċentru tar-riċerka tat-tè fl-istat Indjan ta' Assam. Ix-xjenzjati qalu li din il-pillola tikkonsisti fi 80% tè u 20 % ingredjenti oħrajn.

### *Inbid togħma ta' ħut magħmul miċ-Ċina*

Il-Franċiżi jużaw l-għeneb, ir-Russi għandhom inbid tal-patata u l-Messikani jużaw il-pjanta tal-kaktus distillat biex jagħmlu x-xarba popolari t-*tequila*. Issa kien imiss liċ-Ċina biex toħroġ b'idea ġdida ta' nbid ġdid - inbid magħmul mill-ħut. In-negozjant Ċiniż Sun Keman, li jgħix fil-port ta' Dalian, waqqaf il-kumpanija *Dailian Fisherman's Song Maritime Biological Brewery* bi pjan ċar li jibda juża l-industrija tal-ħut biex jipproduċi l-inbid. Skond l-aġenzija ta' l-aħbarijiet *Xinhua*, il-kumpanija se tkun qiegħda tnaddaf u tgħalli u fl-aħħar tiffermenta l-ħut biex mbagħad ikun jista' joħroġ il-prodott finali. Il-kumpanija s'issa diġà għandha ordnijiet għal dan l-inbid mill-Ġappun, mir-Russja u minn partijiet oħra taċ-Ċina. Esperti jgħidu li dan l-inbid huwa nutrittiv u huwa baxx fl-alkoħol.

### *Qatel leoparda b'idejh*

Anzjan Kenjan ta' 73 sena rnexxielu joqtol leoparda billi qaċċtilha lsienha barra b'idejh wara li din attakkatu. Daniel M'Mburugu kien qiegħed jaħrat fl-għalqa meta safa attakkat mill-leoparda. Huwa kellu sikkina kbira f'idu iżda warrabha biex daħħal il-ponn f'ħalqa u qaċċtilha lsienha. Huwa sofra ġrieħi kbar f'idejh iżda ġie meqjus bħala eroj tal-villaġġ u ngħata l-kura b'xejn fl-isptar.


Skont ta' 10% fuq kotba mill-isbaħ għat-tfal ...dejjem!
LUMEN CHRISTI BOOKSHOP
Victoria, Gozo - tel. 2156 0496
366 Bible Stories
Classic Enid Blyton Stories
KNOW THE WORLD OF ANIMALS
Birds, Reptiles and Insects
World History Encyclopedia
366 Fairy Tales
Children's World Atlas
THE EUROPEAN COMMUNITY and how it works
365 TALBA GHAT-TFAL
L-ISTORJA TA' ĠESÙ
miktuba għat-tfal



# Djamanti ta' Għawdex

## Ritratti mill-kollezzjoni ta' Dr. Mario Saliba



Il-Bidwi Għawdxi



Xogħol il-Bizzilla